

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – APRIL 2019

Nru 196

## GRAZZI, OMMNA TA' PINU, LI ĠEJT IŻŻURNA

Xmajjar ta' devoti telgħu t-tarġiet tal-altar tal-Bażilika Ġorġjana l-Erbgħa 16 ta' Jannar 2019 filgħaxija biex iqimu mill-qrib ix-xbieha għażiża u mirakoluża tal-Madonna Ta' Pinu mqiegħda taħt it-Tribuna bħal fuq tron kif jixirqilha s-Sinjura tas-Sema.
Ritratt ta' Leo Mario Haber.



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali,Bażilika San Ġorġ,Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo


## Mill-ġdid ilqajniek fostna

F'din l-edizzjoni tar-rivista qed nagħtu ħarsa speċjali lejn il-miġja tal-Kwadru għażiż tal-Madonna Ta' Pinu, nhar is-16 u s-17 ta' Jannar 2019, fil-parroċċa tagħna. Dan sar fl-okkażjoni tal-erba' mitt sena minn mindu dan il-kwadru tpitter minn Amadeo Perugino, imħallas minn Pinu Gauci li għandu rabtiet storiċi mal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Matul ix-xahar ta' Jannar il-Kwadru ħareġ mis-Santwarju u żar il-parroċċi kollha tad-Djoċesi tagħna. Il-Parroċċa Ġorġjana kienet qiegħda tilqa' din ix-xbieha mirakoluża għat-tieni darba fl-istorja; f'Novembru 1950 il-Kwadru kien żar għall-ewwel darba l-parroċċa tagħna fl-okkażjoni tal-festi tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni.

Kienu jumejn fejn dawk kollha li żaru l-Bażilika tagħna setgħu jaraw u japprezzaw id-devozzjoni li niesna għad għandha għal din ix-xbieha unika tal-Madonna. Minn xħin ilqajnieha fi Pjazza t-Tokk sakemm erġajna mxejna magħha lura lejn l-istess pjazza, niesna ħarġet bi ħġarha ssellem u titlob lill-Madonna f'din l-okkażjoni rari. Għal dawn l-erbgħa u għoxrin siegħa l-Parroċċa ħasbet tħejji programm li jinvolvi d-diversi realtajiet fi ħdanha, anki dawk ta' komunitajiet oħra fid-diversi żoni ta' beltna. Għalhekk saru, fost l-oħrajn, mumenti ta' talb għall-anzjani, iż-żgħażagħ, l-adolexxenti u t-tfal. Ġie ċċelebrat quddies u talb tul il-lejl kollu ħalli l-Madonna Ta' Pinu l-ħin kollu tkun akkumpanjata mill-fidili, imqar fis-sigħat li tulhom baqgħet għall-qima fil-Bażilika miftuħa l-lejl kollu. Fuq kollox kienu jumejn ta' festa li l-Parroċċa riedet tagħmel għal din ix-xbieha mirakoluża li għal dawn is-snin kollha niesna ilha tersaq fi ħdanha għal tant grazzji.

Ser nibqgħu niftakru l-pellegrinaġġ li sar fis-16 ta' Jannar minn Pjazza Indipendenza – akkumpanjat mill-Banda Ċittadina La Stella – sa Pjazza San Ġorġ. Ser nibqgħu niftakru l-intronizzazzjoni tal-Kwadru fuq l-altar maġġur għad-dell tat-tribuna. Ser nibqgħu niftakru x-xmajjar ta' nies li b'tant devozzjoni żaru l-parroċċa tagħna biex jagħtu bewsa lil Marija. Imma fuq kollox nixtiequ li dawk kollha li żaru lill-Madonna Ta' Pinu u "ma beżgħux jeħduha għandhom", kibret aktar fihom id-devozzjoni vera lejn Omm Alla u sabu fiha kenn fis-saram ta' ħajjithom. Nixtiequ li dawk kollha li rifsu l-għatba tal-Bażilika xegħlet fihom xrara ta' mħabba lejn din ix-xbieha li fiha tant nies sabu kenn u minnha tant minnhom qalgħu grazzji.

***Membri ġodda fil-komunità parrokkjali***

| | |
|---|---|
| 08/01/2019 | **Benjamin**, bin Mark Coleman u Anita Portelli |
| 13/01/2019 | **Gerald** bin Aldo Sultana u Vanessa Azzopardi |
| 13/01/2019 | **Jemma Mae** bint Joseph Caruana u Anne Marie Grima |
| 13/01/2019 | **Claudio** bin Alex Sacco u Analise Xerri |
| 20/01/2019 | **Kristy** bint George Xerri u Jessica Vella |
| 17/02/2019 | **Belle** bint Brian Cardona u Amanda Cachia |
| 20/04/2019 | **Alessia** bint George L. Zammit u Angele Farrugia |
| 17/04/2019 | **Sebastian** bin Benjamin Meek u Sophie Veranneman |
| 26/04/2019 | **Amber** bint Andrew Attard u Manuela Grech |

***Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ***

| | |
|---|---|
| 27.04.2019 | **Christian Mario Apap** u **Caroline Grima** |

***Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt***

| | |
|---|---|
| 05/01/2019 | **Maria Stella Attard** |
| 17/01/2019 | **Joseph Scicluna** |
| 15/02/2019 | **Emanuel Vella** |
| 16/02/2019 | **Theresa Gatt** |
| 28/02/2019 | **Ġorġa Buttigieg** |
| 06/03/2019 | **Joseph Buttigieg** |
| 20/032019 | **Maria Vella** |
| 20/03/2019 | **George Gauci** |
| 24/03/2019 | **Francesca K/A Saverina Attard** |
| 11/04/2019 | **Claire Farrugia** |
| 18/04/2019 | **Eucharistico Galea** |
| 24/04/2019 | **Mary Grech** |


*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.





BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archprieststgeorge@gmail.com

## Meta l-ħajt jibda jfarfar...

Fix-xogħol estensiv ta' restawr li qed nagħmlu kemm-il darba nitkellem ma' periti u nies tal-bini. Fost l-oħrajn għallmuni li l-ewwel sinjal ta' ħajt perikoluż li se jiġġarraf hu meta jibda jerħi minn ħin għall-ieħor sħab żgħir ta' trab. Huma sinjali żgħar, iżda jekk tagħrafhom, jagħtuk ċans taħrab u ma tintradamx.

**Soċjetà tinbidel**

Fl-aħħar ħmistax-il sena fis-soċjetà tagħna rajna tibdiliet kbar f'kull aspett, inkluż dak tal-fidi. Ħafna mill-ħitan li konna nserrħu fuqhom waqgħu, filwaqt li oħrajn ġa bdew ifarfru. Ħafna mill-valuri li konna naħsbu li qatt mhuma se jinbidlu, illum lanqas baqa' ħjiel tagħhom. Ħafna mit-tradizzjonijiet u devozzjonijiet reliġjużi li kienu l-fulkru tas-soċjetà ta' dari, illum anqas biss għadna nafu bihom, filwaqt li oħrajn qed imutu mewta naturali. Din id-djanjosi ma tridx tkun għaref wisq biex tagħmilha.




Ittra b'talba li ħalla student ta' skola primarja quddiem il-Madonna Ta' Pinu.

**Allura kollox spiċċa?**

Meta nħares lejn iż-żmien tal-lum inħoss li dan hu verament żmien sabiħ. Ta' qabilna kienu jagħmlu proġetti ġodda, aħna llum mistiedna nagħmlu proġetti ta' restawr. Restawr mhux biss tal-ġebel, iżda tal-qlub. Jien inħoss li bħala Knisja qed ngħixu fi żmien ipprivileġġjat. Dan hu ż-żmien fejn il-Mulej qed idawwarna b'ħafna bżonnijiet ġodda ta' qlub li għalkemm jidhru mbiegħda, kollha kemm huma jixtiequ xi ħadd li jħobbhom, xi ħadd li jifhimhom, xi ħadd li jkun qribhom.

**Minn ħajt ifarfar għal ġebel ħaj**

F'sitwazzjoni fejn il-knejjes qed jiżvojtaw, jixjieħu, jagħlqu, imutu, dan m'għandux ikun hekk. Aħna għandna x'noffru. Il-messaġġ ta' Kristu hu l-isbaħ messaġġ li qatt il-bniedem jista' jirċievi. Jien nemmen li, minn Knisja titħabat biex iżżomm ħaj dak li hu agonizzant, aħna nistgħu nsiru Knisja ferħana, imħeġġa, Knisja ta' Kristu Rxoxt. Naf kemm persuni ta' fidi għandna fil-Knisja tagħna u kemm nistgħu nagħmlu ġid f'din is-soċjetà li fiha ngħixu. Naf kemm hawn persuni jixtiequ ħajja ta' fidi serja.

**Prova ta' dan**

Għadna kif għexna l-ġrajja tal-miġja tal-Madonna Ta' Pinu fostna. Għal din il-ġrajja nqalgħu nies li qatt ma kont rajthom kemm ilni Arċipriet. Filwaqt li kienu jersqu lejn il-kwadru, għajnejhom kienu jixegħlu b'mod li qatt ma rajtu qabel. X'ġara? Hemm sabu post ta' tama u ta' faraġ għat-tbatija u l-faqar tagħhom. F'qalbhom ħassew li din l-Omm għandha x'tagħtihom. Dan id-dawl tal-għajnejn jista' jsir id-dawl f'għajnejn il-Kristjani fil-Knisja. Dan id-dawl jista' jwassal lil dawn il-persuni jkunu missjunarji tal-Vanġelu.

**Sena ta' restawr**

F'din is-sena li fiha qed nerġgħu nġibu għas-sbuħija tagħhom tant opri tal-passat, nixtieq li nitolbu lill-Mulej biex, bl-interċessjoni tal-Martri żagħżugħ Ġorġi, idawwalna u jagħtina l-kuraġġ insibu l-modi adattati għal żmienna biex nirrestawraw u nagħmlu ġdida l-komunità parrokkjali tagħna.

**DONAZZJONIJIET**

Maria Farrugia (il-Belt Victoria) – €10; Maria Cassar (il-Fontana) – €10

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI

## JANNAR - APRIL 2019

Fil-bidu tas-sena l-ġdida 2019, fis-Solennità ta' Marija Omm Alla u fl-okkażjoni tas-Sena Djoċesana Marjana, l-Isqof Mario Grech għamel stedina "biex kuljum insibu mod kif noqogħdu f'ħoġor Marija u ninnamraw magħha".

**1** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, fil-31 ta' Jannar l-istudenti li kienu qed jitħejjew għall-Griżma tal-Isqof għamlu żjara lill-Kappella tal-qaddis fl-Oratorju tiegħu fi Pjazza Santu Wistin, fejn il-katekisti spjegawlhom il-ħajja tiegħu.

**2** Fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, nhar it-2 ta' Frar, l-Arċipriet ippreżenta lill-komunità l-kandidati għas-Sagramenti tal-Ewkaristija u l-Konfirmazzjoni, u talab lill-ġenituri u dawk preżenti jberkuhom.

**3** Fl-14 ta' Frar, f'waħda mil-laqgħat tagħhom, it-tfal tal-Preċett u l-Griżma żaru l-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma fejn ġew murija kif jinħadmu l-ostji għall-quddies.

**4** Il-Kor tal-Katidral Kattoliku ta' Liverpool tella' kunċert stupend ta' mużika sagra fil-Bażilika nhar it-23 ta' Frar f'nofsinhar.

**5** Fil-Ħdud tar-Randan, waqt il-Quddiesa tal-Komunità, it-tfal kellhom il-Liturġija tal-Kelma mfissra apposta għalihom fit-23four Hub.

**6** Patri Etienne Gilson OFMCONV mexxa nofstanhar irtir tar-Randan għall-abbatini tal-parroċċa f'Dar Ġużeppa Debono, Għajnsielem, fl-24 ta' Frar, li għalih ġew mistiedna wkoll il-ġenituri f'quddiesa minn Dun Anthony George Caruana.

**7** Bi tħejjija għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, fl-4 ta' April l-Arċipriet laqqa' lill-animaturi u l-letturi tal-quddies fejn qasam magħhom xi linji-gwida dwar il-ministeru tagħhom.


1


2


3


4


5

**8** Iż-żewġ gruppi tat-tfal tal-Preċett u l-Griżma fil-11 ta' April żaru s-Santwarju Ta' Pinu fejn f'din is-Sena Marjana ppreżentaw lill-Madonna l-mixja tagħhom lejn is-sagramenti.

**9** Fil-Purċissjoni Penitenzjali tal-Passjoni, nhar Ħamis ix-Xirka, 18 ta' April, dehret għall-ewwel darba tintroduċi l-Misteri tal-Passjoni tal-Mulej l-istatwa rrestawrata ta' Ġesù u Marija.

**10** Il-Mixegħla tal-Blandun hi parti prinċipali miċ-ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis tal-Għid li fiha din is-sena saret ukoll il-magħmudija ta' tarbija. *(Ritratt: Hush Studios)*


8


6


9


7



10



Iż-Żjara tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fis-16 u s-17 ta' Jannar 2019 kienet mument providenzjali. Din għalqet b'pellegrinaġġ ċkejken li fih it-tfal tal-parroċċa akkumpanjaw il-Kwadru lejn it-Tokk bit-talb tar-Rużarju u kant Marjana. *Aqra iżjed f'paġni 6 u 7. (Ritratt: Sam Cefai)*

# Il-Madonna Ta' Pinu żżur il-parroċċa ta' Pinu

## Tifkiriet miż-żjara storika tas-16 u s-17 ta' Jannar 2019

Francesco Pio Attard



Fiċ-ċirkustanzi normali tal-ħajja, huma l-ulied li, meta jkunu tfarfru u ħallew il-kenn tad-dar li fiha trabbew, b'rispett lejn ommhom, kull tant u tant imorru jżuruha. Aħna l-Għawdxin għandna mħabba kbira lejn Ommna tas-Sema, u tieħu gost tara familji sħaħ deħlin spiss Ta' Pinu jżuru lill-Madonna fis-Santwarju għażiż tagħha, imnejn fl-aħħar mill-aħħar kienet hi stess li fl-1883 sejħitilna bil-kliem: "Ejja, ejja".

Imma dak li ġara f'Jannar li għadda, fl-okkażjoni tas-Sena Marjana ċċelebrata fid-Djoċesi tagħna, u fuq xewqa tal-Isqof Mario Grech stess, kien il-kuntrarju. Din id-darba kienet il-Verġni Marija, l-Omm tagħna, li, kif għamlet meta wara t-Tħabbira tal-Anġlu marret tħaffef għand qaribtha Eliżabetta, ġiet iżżur il-komunitajiet parrokkjali tagħna. Il-parroċċi Għawdxin tħejjew għal din iż-żjara storika bil-motto sabiħ magħżul: *Tibżgħux tieħdu għandkom lil Marija.*

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ, bħall-oħrajn kollha, ħassitha xxurtjata li Marija ġiet għandna żżurna permezz ta' dan il-Kwadru mirakoluż tagħha, li kien inħadem erba' mitt sena ilu bit-tħabrik ta' Pinu Gauci, parruċċan ta' San Ġorġ li hu midfun fiha, barra rabtiet oħra li għandu magħna.

Ix-xbieha għażiża ġiet fostna nhar l-Erbgħa 16 u l-Ħamis 17 ta' Jannar 2019. Din, allura, kienet it-tieni żjara straordinarja tal-Kwadru Ta' Pinu f'San Ġorġ, wara li f'Novembru 1950 l-istess kwadru qatta' lejl sħiħ fil-knisja parrokkjali tagħna fl-okkażjoni tal-festi djoċesani speċjali tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija mill-Papa Piju XII.

Minkejja li għall-bidu kien hemm min kien xettiku kif kien se jintlaqa' l-kwadru, f'kuntest ta' ħajja mgħaġġla u meta la l-għażla tax-xahar (wara l-festi tal-Milied) u lanqas dik tal-ġranet (f'nofs il-ġimgħa) ma kienet tawgura attendenzi kbar, il-Madonna għal darb'oħra tatna s-sorpriżi tagħha. Iż-żjara kienet tabilħaqq mument memorabbli għall-komunità kollha, fejn kbar u żgħar, tal-qrib u tal-bogħod, inġabru bil-gzuz madwar l-Omm.

Il-kwadru, l-Erbgħa 16 ta' Jannar, ġie milqugħ fis-6.15pm quddiem il-Knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza. Dan wara li kien għadda l-aħħar erbgħa u għoxrin siegħa fil-Parroċċa tal-Katidral tal-Assunta, u tniżżel proċessjonalment akkumpanjat mill-Kapitlu, il-kleru u l-membri tal-komunità parrokkjali tal-Katidral. Il-Banda Ċittadina La Stella akkumpanjat b'innijiet reliġjużi t-Translazzjoni solenni *aux flambeaux*, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, u anki membri tal-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, u l-komunità parrokkjali. Fi Pjazza San Ġorġ, l-Arċipriet Mons. Joseph Curmi għamel indirizz sabiħ ta' merħba, kommoventi, kif kienu l-mumenti kollha kemm dam fostna l-kwadru. Tista' tgħid li n-nies bdiet tinqala' minn kullimkien biex tixhed għal din il-ġrajja storika li fiha x-xbieha li minnha l-Madonna tkellmet kienet qed tiġi milqugħa fil-Parroċċa Ġorġjana.

Kien mument sabiħ u ta' ġabra wkoll dak tal-Konċelebrazzjoni Solenni li, malli l-kwadru tqiegħed fuq pedestall apposta fuq il-presbiterju, għall-ħabta tas-7.00pm, mexxa l-Arċipriet. Dritt qabilha nqrat il-poeżija *Il-Għanja tal-Merħba* ta' Ġorġ Pisani, li l-poeta Għawdxi kien kiteb għall-okkażjoni taż-żjara tal-kwadru fil-Belt Victoria fl-1949. Kif xieraq, din inqrat minn ibnu stess, il-Kav. Dr Paul G. Pisani KM. Fi tmiem il-quddiesa, mument sabiħ u partikulari ħafna kien dak tal-intronizzazzjoni solenni tal-Madonna Ta' Pinu fuq l-altar bażilikali, biex hekk ix-xbieha għażiża tagħha tqiegħdet taħt it-tribuna maestuża tal-Bażilika, fiċ-ċentru tal-attenzjoni tad-devoti kollha li kienu se jiġu jqimuha fis-sigħat ta' wara. Dan waqt li l-Kor Laudate Pueri kanta innijiet Marjani, fosthom l-Innu tas-Sena Marjana, b'lirika ta' Francesco Pio Attard, minn din il-parroċċa, u mużika ta' Joe Formosa. Wara l-quddiesa tħalla ħin biex kull min xtaq seta' jersaq eqreb lejn il-kwadru biex jagħti lill-Madonna l-qima tiegħu, b'ħafna jixħtu bews ta' mħabba lejn Ommna tas-Sema u jmissu oġġetti personali mal-kwadru tagħha.

Anki ż-żgħażagħ u l-adolexxenti kellhom il-mument tagħhom madwar il-kwadru, bis-sehem tal-Grupp 23four





u gruppi oħra ta' żgħażagħ u adolexxenti fil-Belt Victoria, fit-8.00pm. Iċ-ċelebrazzjoni, b'mumenti ta' katekeżi u riflessjoni, fetħet fid-dlam ħdejn il-Fonti tal-Magħmudija, u kompliet fuq il-presbiterju, fejn fl-aħħar inġab ukoll Ġesù Ewkaristija għal mument ta' talb. Wara, l-adolexxenti ħadu xi ħaġa tal-ikel flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Sadattant, fid-9.30pm bdiet fil-Bażilika Velja ta' talb, kant u tifħir f'ġieħ il-Madonna Ta' Pinu mmexxija minn Patri Marcello Ghirlando OFM u animata bil-kant minn Mario Caruana. Fit-tmiem, ġie espost is-Santissmu Sagrament u fetaħ lejl kontinwu ta' adorazzjoni Ewkaristika, *Nishru ma' Marija*, bis-servizz tal-qrar. Matulu l-Bażilika nżammet fid-dlam, bi ftit dawl fuq is-Sagrament u l-Kwadru tal-Madonna, u kien hemm bosta sigħat ta' talb, kant u adorazzjoni animati minn Fra Etienne Gilson OFMCONV u Patri Joseph Formosa OFMCONV, Dun Simon M. Cachia, Dun Richard N. Farrugia, Patri Peter Paul Cachia OSA, il-Pirjol Patri Adeodato Schembri OSA, u l-Arċipriet.

Dan sakemm fis-7.30am reġa' beda l-quddies, l-ewwel minn Patri Victor Degabriele SJ, Superjur tal-Komunità tal-Patrijiet Ġiżwiti tal-Belt Victoria, u mbagħad minn Dun Richard N. Farrugia, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, bis-sehem tal-komunità tas-Seminarju Maġġuri, u minm Dun Eddie Zammit, Rettur tal-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb. Fl-10.00am, Patri Joseph Xerri OFMCONV, Gwardjan tal-Komunità tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, mexxa l-aħħar quddiesa ta' filgħodu, li fiha ngħata s-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani u l-morda, li nġabu wkoll minn djar tal-anzjani fir-Rabat. Hekk il-komunitajiet ewlenin taz-zoni tar-Rabat kellhom l-opportunità li jkunu qrib tal-kwadru wkoll, peress li kien fiżikament impossibbli li dan iżur kull knisja f'beltna.

In-nofstanhar tal-Ħamis 17 ta' Jannar filgħodu kien iddedikat liż-żjajjar tal-iskejjel li għamlu ċelebrazzjonijiet fil-Bażilika għall-istudenti tagħhom, li servew bħala mumenti ta' katekeżi dwar Ommna Marija u s-Sejħa tagħha mill-Kwadru Ta' Pinu. Għal ftit sigħat, tista' tgħid li l-Bażilika ta' San Ġorġ inbidlet fi "skola Marjana", fejn l-istorbju sabiħ tat-tfal tħallat mat-talb u l-ittri innoċenti, il-kant ħelu, u l-ward f'riġlejn l-Omm tas-Sema. Ġew klassijiet mill-Iskola Primarja ta' St Francis, l-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ ta' Għawdex, u l-Iskejjel tal-Primarja u s-Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof.

Wara sigħat ta' talb u adorazzjoni fis-skiet waranofsinhar organizzati mil-Leġjun ta' Marija u l-Azzjoni Kattolika, fejn ingħadet ukoll it-talba tar-Rużarju mqaddes tant għal qalb Ommna Marija, iċ-Ċelebrazzjoni tal-Għeluq ta' din iż-żjara memorabbli kienet fl-4.15pm, u fiha ġew mistiedna b'mod speċjali t-tfal tal-parroċċa. Din tmexxiet mill-Arċipriet, u matulha t-tfal tal-Preċett u l-Griżma tellgħu żifna b'tema Marjana, waqt li saret katekeżi fuq il-kwadru minn Dun Giovanni M. Curmi. It-tfal setgħu jifhmu wkoll ir-rabta bejn dan il-kwadru u l-Parroċċa ta' San Ġorġ permezz ta' biċċa rappreżentazzjoni drammatika ċkejkna fejn Charlie Zammit interpreta tajjeb ferm il-parti ta' Pinu Gauci. Ma setax jonqos li t-tfal kollha jitilgħu fuq l-altar ibusu l-kwadru u jieħdu ritratt miegħu. Għal din iċ-ċelebrazzjoni l-Bażilika veru kienet festa Marjana!

Fi tmiemha, għall-5.15pm, il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ġie akkumpanjat minn kulħadd, bit-talb u l-kant, lejn Pjazza Indipendenza, fejn quddiem San Ġakbu sab jistennieh it-trakk tal-Gozo Express li wasslu għal mumenti qosra fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, waqfa oħra sinifikanti ħafna f'dan il-"pellegrinaġġ Marjan". Din l-aħħar mixja tal-Madonna Ta' Pinu fit-toroq tar-Rabat, li fiha t-tfal b'devozzjoni kbira qalu r-Rużarju, rat ukoll xi demgħa ġġelben mal-ħaddejn, xhieda tal-imħabba ġenwina li niesna għandhom lejn Marija.

Irridu ngħidu wkoll li f'rabta ma' din iż-żjara, il-Ħadd 20 ta' Jannar, l-Isqof Mario Grech inawgura Wirja Marjana interessanti immens bit-tema *Sub tuum præsidium* li ġiet organizzata fil-Mużew Il-Ħaġar, u li ġabret taħt saqaf wieħed opri artistiċi imprezzabbli mislufa minn bosta kollezzjonijiet privati u ekkleżjastiċi.

Iż-żjara tal-Madonna Ta' Pinu f'San Ġorġ ħalliet marka li ma titħassarx. L-imħabba lejn il-Madonna, li minn dejjem kienet imkebbsa sew fil-qalb tal-Ġorġjani, kompliet toħroġ fid-deher. Laqatni kumment ta' saċerdot minn parroċċa oħra: "Ħassejt ċertu sodisfazzjon għall-fatt li l-Parroċċa [ta' San Ġorġ] stiednet lid-diversi komunitajiet imxerrda fir-Rabat, liema parteċipazzjoni ssarrfet f'esperjenza sabiħa ta' komunjoni, sew fil-programmazzjoni tal-laqgħat u sew fl-istess ċelebrazzjonijiet".

Issa li l-Kwadru għażiż jinsab lura f'daru, barra t-tifkiriet sbieħ, nitolbu lill-Madonna Ta' Pinu li qatt ma jiġi mument li b'xi mod nibżgħu nilqgħuha għandna. U ngħidulha bi kliem Ġorġ Pisani:

***"Berikha, Madonna,***
***dil-belt tal-Għawdxin***
***li qatt ma rat ġrajja***
***sabiħa bħal din…***

***Bik biss aħna mkabbra,***
***Madonna Ta' Pinu,***
***minqux għandu ismek***
***kull Għawdxi fuq ġbinu".***





# Bidu tar-restawr tal-koppla minn barra u tal-pitturi ta' Zahra

**Bidu tar-restawr tal-faċċata u l-koppla**

Forsi mill-proġetti kollha li saru jew qed isiru mill-Parroċċa tagħna, dan il-proġett hu l-iktar wieħed mistenni. Evidenti kienu l-ħsarat u l-istennija kienet kbira. Kien fis-26 ta' Jannar 2019 li beda jintrama l-i*scaffolding* madwar il-koppla. Kellhom jgħaddu diversi ġranet biex il-koppla nksiet kollha kemm hi. Il-proġett kellu jibda ġimgħat qabel, imma peress li tul l-aħħar ġimgħat tas-sena 2018 it-temp – speċjalment ir-riħ qawwi – ma kienx jippermetti li jsir l-ebda xogħol, żamm milli jibda jintrama l-i*scaffolding*. Ix-xogħol prinċipali kien jikkonsisti fir-restawr u l-konsolidament tal-ġebel tal-koppla. Kienu diversi partijiet ta' ġebel li tneħħew minħabba d-deterjorament li ġarrbu. Oħrajn ġew trattati b'materjal apposta, skont il-ħtieġa. Ta' min jiftakar li ftit li xejn sar restawr fil-koppla minn mindu din inbniet. Kull ġebla kienet ittrattata skont kif stabbilit mit-tekniċi mqabbda biex jissorveljaw u jattwaw il-proċess ta' restawr. Fil-fatt, il-Parroċċa qed tagħmel użu mid-diversi esperti fis-suġġett, anki minħabba s-sensittività tal-post. Il-proċeduri





li qed jintużaw huma skont prattiċi stabbiliti u approvati mid-diversi awtoritajiet konċernati. Hu mistenni li hekk kif ix-xogħol fuq il-koppla jitlesta, ikun imiss ir-restawr tal-faċċata u l-kampnari. Hekk kif ikun qed isir ix-xogħol fuq il-kampnar u l-faċċata, hu maħsub ukoll li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-qniepen u tibdil fis-sistemi tad-dawl tal-faċċata. Ix-xogħol qed isir mill-kumpanija *Recoop Ltd* wara sejħa pubblika. Il-finanzjament tal-proġett qed isir mill-Ministeru għal Għawdex.

**Restawr tal-pitturi laterali ta' Francesco Zahra u tkomplija tar-restawr tal-koppla minn ġewwa**







Bħala parti mill-Proġett Kura mmexxi mill-Kurja Veksovili ta' Għawdex, il-Parroċċa ta' San Ġorġ ibbenefikat minn fondi mill-Unjoni Ewropea biex jiġu rrestawrati ż-żewġ pitturi ta' Francesco V. Zahra li jinsabu fil-Kor tal-istess Bażilika. Għal dawn l-aħħar snin kien qed jinħass li jekk tinqala' opportunità ta' flus għar-restawr, dawn iż-żewġ pitturi jkunu minn ta' quddiem fuq il-lista. L-ewwel pittura, dik tal-Martirju tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ, ittieħdet mill-Bażilika nhar id-29 ta' Jannar fil-laboratorju tal-*Atelier del Restauro* f'Malta. Għall-okkażjoni ntrama *scaffolding* madwar il-pittura. Dan baqa' armat biex ikun jista' jsir xogħol ta' restawr fuq il-gwarniċ tal-pittura. Il-pittura nġabet lura fid-9 ta' April u tpoġġiet f'postha. Sakemm ikun hemm l-inawgurazzjoni uffiċjali ġie deċiż li l-kwadri rrestawrati jitgħattew b'materjal ta' kulur iswed. Dakinhar stess, l-i*scaffolding* ġie ttrasferit fuq it-tieni pittura. Bħalma ġara għall-ewwel pittura, din iżżarmat u ttieħdet Malta, filwaqt li sar ir-restawr fuq il-gwarniċ.

Kif imħabbar fl-edizzjoni preċedenti ta' din ir-Rivista, qed jitkompla x-xogħol fuq ir-restawr tal-koppla minn ġewwa. Filwaqt li x-xogħol fuq ir-restawr u l-konservazzjoni tal-pittura huwa kważi lest, kompla għaddej xogħol ieħor relatat. Dan kien jinkludi l-konservazzjoni tal-pasta u tal-induratura, it-tiżbigħ mill-ġdid tal-koppla u xogħlijiet oħra ta' konsolidament.

Ir-restawr qed isir mill-kumpanija *Atelier del Restauro* wara sejħa pubblika. Il-proġett hu parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

**Proġetti oħra**

Għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena żżanżnet l-istatwa ta' Ġesù li tagħmel parti mill-istazzjon tal-Ort tal-Ġetsemani. Din inħadmet fl-injam minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi u ħadet post dik tal-fajber li kien hemm qabel. Tikkumplimenta dik tal-anġlu fl-istess vara li wkoll inħadmet fl-injam mill-istess artisti. Saret ukoll raġġiera tal-fidda għall-anġlu.

Sadanittant qed isir xogħol fuq il-Websajt ġdida tal-Parroċċa u anki r-rinnovar fl-istudjows tar-Radju tal-Parroċċa *Leħen il-Belt Victoria.*

*ritratti: Atelier del Restauro*

# Prietka ta' San Pietru Damjan dwar San Ġorġ Martri

Forsi ftit jafu li l-antifona *Beatus Georgius* li żżejjen il-Liturġija tal-Festa ta' San Ġorġ Martri, tingħad jew titkanta qabel u wara l-Magnificat fl-Għasar tal-Festa, u tidher ukoll fuq il-friż dehbieni li jdur maċ-ċinta kollha ta' ġewwa tal-Bażilika Ġorġjana, hi vers wieħed biss minn omelija twila u ta' ġmiel spiritwali u letterarju kbir minsuġa mill-Isqof Benedittin Taljan San Pietru Damiani, Duttur tal-Knisja, li għex bejn l-1007 u l-1072. Silta minn din l-omelija sabiħa naqrawha fl-Uffiċċju tal-Qari tat-23 ta' April.

Nirringrazzjaw lil **Mons. Ġużeppi Gauci** li qed jagħtina t-traduzzjoni sħiħa ta' din l-opra mil-Latin għall-Malti (ara *B. Petri Damiani, Sanctæ Romanæ Ecclesiæ Cardinalis, Episcopi Ostiensis, Ordinis S. Benedicti: Sermo XIII, De S. Georgio Martyre: Documenta Catholica Omnia, Volumen MPL 144, 0505-0924).*




L-antifona *Beatus Georgius* fil-friż tad-deheb li jżejjen il-Bażilika Ġorġjana (ritratt: Daniel Cilia)




Statwa ta' San Pietru Damiani, xogħol Wistin Camilleri, li tintrama fi Triq ir-Repubblika fil-jiem ta' Lulju għall-Festa titulari ta' San Ġorġ.

Għeżież, il-festa tal-lum iġġedded il-ferħ u l-glorja tal-Għid, qisha ħaġra prezzjuża li bi ġmielha tkompli ssebbaħ id-deheb li tkun ingastata fih. Hu tassew f'postu li f'dan iż-żmien tant setgħani, San Ġorġ ingħata li jirbaħ, meta, wara l-mogħdija tal-maltemp bla ħniena tax-xitwa, il-qawwa tar-riħ isfel tirtab, l-art ferreħija tnibbet mill-ġdid, u għadd ta' xtieli ġodda flimkien mas-siġar kollhom fjuri, biex ngħid hekk, jiġrilhom bħall-adolexxent li jikber fl-età tiegħu.

Ġorġi, mill-Grieg, bil-Latin ifisser ħaddiem l-art, għax, skont kif iħabbar ismu, mhux biss ħadem l-għalqa spiritwali ta' ħsibijietu bit-twettiq ta' diversi dixxiplini, imma wkoll, b'eżortazzjonijiet qaddisa u b'korrezzjonijiet spiritwali, naddaf mill-ħażen tad-dinja l-qlub ta' ħafna, neħħa minnhom il-ħaxix ħażin tal-vizzju li kien trabba, u xettel fihom il-pjanti tal-virtù.

Bir-raġun kollu, għalhekk, illum ir-ruħ ta' dan il-martri, wara r-rabja mdemmija tal-prinċep qalil, wara l-kefrija qalila tat-tiranni ħorox, wara l-għadd ta' flaġelli li ċarrtu l-ġisem tiegħu, wara n-nar, il-ħadid, il-qatran, wara t-turmenti bla ħniena tan-nar jaħraq, wara l-ħafna feriti bid-daqqiet tal-flaġelli, wara d-dlamijiet tal-ħabs, bħallikieku wara l-qawwa tas-silġ u tal-irjieħ immewġa tax-xitwa, kien jixirqilha tisma' l-leħen tal-oraklu divin: *"Ejja, qal, ejja, maħbuba tiegħi, sabiħa tiegħi! Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret. Fuq l-art ġa deher il-ward, iż-żmien tal-għana wasal"* (Għan 2:10-11).

San Ġorġ għadda minn eżerċtu għall-ieħor, għax hu ħalla d-dinjità ta' tribun ta' din l-art biex iħaddan l-uffiċċju tal-eżerċtu Nisrani, u tassew, dan is-suldat wisq qalbieni, qabel kollox qassam kulma kellu lill-foqra, ħeles mill-piż tal-ġid tad-dinja; b'dan il-mod, ħieles u bla xkiel, libes il-kurazza tal-fidi u bil-ħeġġa kollha nxteħet f'nofs it-taqtigħa bħala gwerrier ta' Kristu. F'dan il-każ, mexa skont l-ordni li l-ewwel iwarrab it-toqol tal-ħwejjeġ tad-dinja, u mbagħad, bla biża' jimxi lejn il-kamp tal-battalja.

Minħabba dan, il-liġi tordna li bniedem beżżiegħi u b'qalb imwerwra ma joħroġx għall-gwerra, imma jitlaq u jmur lura lejn artu, li ma jmurx jaqta' qalb ħutu, bħalma jkun qata' qalbu hu (ara Dewt 20:8). B'dan il-kliem jidher ċar li fid-difiża tal-fidi ma jistgħux jitqabdu bil-qawwa u kif jixraq dawk li ma jridux jew jibżgħu jinżgħu għalkollox minn dak li hu tad-dinja; u jkun aħjar għalihom li filwaqt li jkunu sejrin lura lejn darhom, jgħixu għalihom u fil-

kwiet, milli bl-eżempju ħażin tal-biża' tagħhom ibiegħdu lill-oħrajn mill-glorja tar-rebħa.

San Ġorġ tħeġġeġ bin-nar tal-Ispirtu s-Santu u b'mod tal-għaġeb twettaq bis-sinjal tas-salib u b'hekk daħal għat-taqbida kontra sultan ħażin biex jirbaħ lill-prinċep tal-ħżiena kollha fil-qaddej tiegħu, u biex jagħmel il-qalb lis-suldati ta' Kristu ħalli jissaraw b'ħilithom kollha. U Djoklezjanu, l-imperatur ta' dakinhar, kif tgħidilna l-istorja tal-martirju tal-qaddis, kien, skont kif ifisser is-Salmista, fommu mimli bil-ħażen u bl-imrar u taħt ilsienu mhux ħlief ħażen u tnassis u postu jsib mal-għonja fil-moħbi, biex jeqred lil min hu bla ħtija, bħal iljun moħbi fil-għar tiegħu (ara Salm 5), li għall-ewwel jilbes ta' ħaruf biex iqarraq, u b'hekk fil-ħsibijiet ta' moħħu u bi pjanijiet imfasslin b'kuluri li jogħġbu, jipprova jikkonvinċih. Iżda, billi l-atleta magħruf ta' Kristu kien warrab għalkollox is-semm li ħareġ minn fomm is-serp tal-ħażen, u ried juri b'mod ċar li fih kien jgħammar mhux nisel l-ewwel Adam, iżda dak tat-tieni wieħed, l-imperatur, bħal vleġġa sparata mill-għant ta' Satana, wera biċ-ċar il-lupu ħajjen li kien qed jaħbi, u tkebbes biex jinqeda b'diversi turmenti mdemmija bħal bhima feroċi.

Għalhekk issejħu t-tiranni u l-qaddis martri ġie marbut, imsawwat bil-flaġelli, u bi strumenti iebsa sakemm ġismu ġie mċarrat u sar ġerħa waħda. Imbagħad, rota kollha xfafar tressqet fin-nofs, biex ġisem il-martri seta' jiddawwar marbut magħha u b'hekk b'kefrija akbar jitqatta' bċejjeċ. Bla dubju ta' xejn, l-awtur ta' dawn il-ġrieħi kellu għadd ta' argumenti ġodda u sbieħ għal dawn it-turmenti, u biex itaffi l-korla tiegħu, irraġuna li għandu jżid dejjem aktar il-qies tal-kefrija umana. Imma hu nesa għalkollox li aktar ma jżid fil-kefrija tat-turmenti, aktar kienet qed tikber l-għożża tal-ġawhra ħajja, u aktar kien qed iqiegħed ġebel ħaj fil-bini ta' Ġerusalemm tas-Sema.

Il-Mexxej il-kbir li ma jidhirx kien għajnejh fuq il-martri tiegħu. Huwa għoġbu jħalli l-idejn tal-ħżiena jaħqruh, imma ħa ħsieb li l-ġawhra tiegħu tibqa' mhix mimsusa fis-sħuħija u fis-sbuħija tagħha. Jekk ta ġisem il-martri tiegħu f'idejn qattiela, huwa żamm lil ruħu fil-fortizza qawwija tal-fidi, u ma waqafx iħarsu bid-driegħ setgħani tiegħu. Hu lanqas ħalla lit-tiranni jmissu dak li kien hemm moħbi fil-martri, filwaqt li kienu qed jaħqru dak li kien jidher minn barra; u bħall-ilmijiet tad-dilluvju, bdew joktru u jgħollu l-arka, bla ma setgħu jidħlu 'l ġewwa fiha (ara Ġen 7).

San Ġorġ kien qed itenni: *"Li ma kienx il-Mulej magħna, meta qamu għalina n-nies, ħajjin kienu jibilgħuna, meta nxtegħlu bl-għadab għalina. Kieku l-ilma kien jgħarraqna, il-wied kien jgħaddi minn fuqna"* (Salm 123:1-3). Dawn huma l-ilmijiet li dwarhom is-Salmista jitlob: *"Eħlisni, Mulej, għax l-ilmijiet laħqu sar-ruħ tiegħi"* (Salm 11). U permezz ta' Ġona: *"Inti tfajtni fil-qiegħ, ġo nofs il-baħar, u l-wied dar miegħi; l-imwieġ il-kbar u l-ħalel kollha tiegħek, għaddew minn fuqi"* (2:4). Iżda, skont l-Iskrittura, Alla fassal waqfien lil dawn l-ilmijiet u l-baħar (ara Salm 103), għax skont il-qisien tiegħu u mhux skont dawk tal-ħażen u x-xewqat ħżiena tal-bniedem, huwa ħalla li l-magħżulin tiegħu jbatu.

Nafu li fil-bidu tat-twelid tad-dinja, Alla fired l-ilma ta' taħt il-medda mill-ilma ta' fuqha (ara Ġen 1:7). X'ried juri, mela, bil-misteru tal-hekk imsejjaħ baħar jekk mhux il-bnedmin ħżiena u infidili li, midħla tal-ħażen tal-ġisem u mmexxija mill-mibegħda, jimxu dejjem ma' xulxin bl-imrar tal-ħażen u bħal baħar jaqilgħu mewġ qawwi ta' tentazzjonijiet u bħal jonfħu tempesti ta' xewqat ħżiena tal-ġisem? X'ried juri bl-art niexfa jekk mhux lir-ruħ bil-



San Ġorġ kien suldat fl-armata Rumana.

għatx għall-għajn tal-fidi, jew imxennqa għall-Ħallieq tagħha b'xenqa qawwija ħierġa minn griżmejn niexfa? Kien għalhekk li ruħ imsejkna, niexfa u mħeġġa b'dan il-għatx, għajtet: *"Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj. Meta niġi u nara wiċċ Alla?"* (Salm 41:3). Mela, meta Alla setgħani jifred min-niexef il-baħar, ikun qiegħed ibiegħed minnu l-qawwa ta' dawk ħerqana għall-ħażen, u bħal iwaqqaf il-qawwa tal-mewġ tal-baħar, sakemm ixejjen għalkollox bil-qisien tiegħu l-ġenn li jkun inħoloq mill-elementi qawwija. Dan ried jgħid il-leħen ta' Alla meta stqarr: *"Min kien dak li għalaq il-baħar bil-bibien, meta dan b'qawwa ħareġ mill-ġuf?"* (Ġob 38:8). U ftit wara kompla: *"It-truf tiegħu qegħedtlu bħal xatbiet, u bibien li bihom għalaqtu u għedtlu: 'Sa hawn tasal u mhux aktar, ma taqbiżx minn hawn il-qawwa ta' mwieġek'"* (Ġob 38:10-11).

Hu tassew veru li bil-baħar nifhmu l-qalb imħassra tal-bniedem, li, jiġifieri, hi l-għajn ta' kull ħażen, ta' ġlied mimli mrar, ta' kburija minfuħa bis-suppervja, tad-dlam li joħroġ minn qerq u ħjiena. Għalhekk dakinhar Alla fired il-baħar u rażżan il-mewġ li jhedded b'qawwietu u jgħarraq l-art, biex il-ħxejjex jikbru u jwarrdu u s-siġar inisslu l-frott u mbagħad l-uċuħ tar-raba' joktru. Illum ukoll, il-Mulej jifred mill-magħżulin tiegħu l-maltempati tal-persekuturi qattiela u kważi jġiegħel il-qawwa tat-tempesti li jonfħu bil-qawwa, biex filwaqt li jħallihom jitturmentaw il-ġisem tagħhom, imma ma jagħmlux ħsara lil ruħhom, iħarishom bil-leminija għassiesa u rebbieħa tiegħu, filwaqt li qisu jgħid lill-baħar: *"Sa hawn biss tasal u mhux aktar, ma taqbiżx minn hawn il-qawwa ta' mwieġek"* (Ġob 38:11), bħallikieku qed jgħidlu: inħallik, iva, titturmenta lill-ġisem, imma ma tistax tasal biex ixxerred ir-rabja kollha tiegħek fuq ir-ruħ; bil-liġi tiegħi nżommok fuq ix-xtajta, biex filwaqt li bir-rabja tal-mewġ tiegħek teħodha kontra x-xtajta, l-art tar-ruħ titħalla ħielsa biex fiha jitnissel kull frott.

U billi l-isem Ġorġ, kif diġà għidna, ifisser ħaddiem l-art, bir-raġun kollu din ix-xbieha titqabbel mal-misteru

tal-wisq qaddis martri. Għax tassew, jekk lilu l-mewġ tal-persekuzzjoni ħakem bil-qawwa kollha, imma lill-art tar-ruħ qawwija tiegħu l-irjieħ tat-tempesta qalila ma għamlulha xejn; lanqas il-belliegħa qawwija tal-kurrent ifawwar ma ġarritu magħha, għax l-ankra tat-tama tiegħu kienet imwaħħla mhux fit-tajn tal-art imma fil-blata soda li hi Kristu (ara 1 Kor 10:4). B'dan il-mod twettaq dak li tgħid il-Verità: *"Min jisma' kliemi u jagħmel dak li qiegħed ngħid, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat"* (Mt 7:24-25; Lq 6:47-48). Tassew dan is-suldat magħruf ta' Kristu qiegħed il-pedamenti tiegħu fuq il-blata tal-fidi u b'ħarstu mwaħħla fil-premju tas-Sema ma tax kas tat-theddid tat-tiranni, ma qies xejn il-wegħdiet fiergħa tagħhom, ma beżax mit-turmenti tal-qattiela, mill-ħadid, min-nar, mis-sjuf, u b'sabar tal-għaġeb li ma setax jintrebaħ, rifes fuq il-ħafna xejriet ta' turmenti.

Inħarsu, ħuti għeżież, lejn dan is-suldat tal-eżerċtu tas-Sema, mhux biss biex nistagħġbu bih, imma wkoll biex insiru nixbhuh; nerfgħu l-ispirtu tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-Sema, indawru l-għajnejn ta' qalbna 'l hemm fuq, biex ma nħallux lid-dinja ċċaqlaqna, la bil-ħlewwa u ż-żegħil tagħha, lanqas bit-theddid u l-korla tagħha għalina, filwaqt li ntennu mas-Salmista: *"Għalik il-lejl jiddi bħan-nhar; id-dlam bħad-dawl għalik"* (Salm 138:12).

Skont kliem San Pawl, *"ħa nitnaddfu minn kull tidnis tal-ġisem u tar-ruħ"* (2 Kor 7:1), biex 'il quddiem ikun jistħoqqilna nidħlu f'dak it-tempju hieni li l-ħarsa spiritwali tagħna hija mwaħħla fih u li għad nimmeritaw li nidħlu fih. Kien għalhekk li Aaron kien jinħasel bl-ilma qabel ma jidħol fit-Tempju biex joffri s-sagrifiċċju (ara Eż 30:17s). Dwar dan, leħen il-Mulej ordna sewwa lil Mosè: *"Jilbes tonka mqaddsa tal-għażel, u qalziet minn taħt fuq il-laħam, terħa tal-għażel ma' ġenbejh, u turbant tal-għażel f'rasu; ilbies imqaddes li jilbsu wara li jkun inħasel fl-ilma"* (Lev 16:4).

Kull min, għalhekk, jidħol fit-tabernaklu ta' Kristu li hu l-Knisja biex joffri b'sagrifiċċju lilu nnifsu 'l Alla, wara li jkun inħasel bl-ilma tal-fonti mqaddes, jilbes ukoll l-ilbies tal-ħafna virtujiet, skont kif hemm miktub: *"Jilbsu l-ġustizzja l-qassisin tiegħek"* (Salm 131:9), biex min jitwieled mill-ġdid fi Kristu bil-magħmudija u jsir bniedem ġdid, ma jibqax iħalli fuqu lbies li juri l-mewt, imma jinża' mill-bniedem il-qadim u jilbes il-ġdid, u jgħix bil-ħerqa kollha f'dan it-tiġdid permezz ta' ħajja safja. U ta' min jinnota li dak l-ilbies kollu tal-għażel fih it-tifsira tiegħu; l-għażel jitwassal għall-bjuda tiegħu b'ħafna tbatija, u l-virtù tal-ħajja ma tinkisibx bit-telqa tal-għażż, imma bil-ħidma tal-eżerċizzju tad-dixxiplina.

Mela, għeżież tiegħi, ippurifikati bis-sagrament tal-magħmudija ġdida, ejjew nilbsu t-tonka tal-għażel biex il-bjuda ssebbaħ l-għamara qaddisa tagħna. L-ilbies minn taħt fuq il-laħam juri s-satra onesta tal-ġisem, u jaħbi għalkollox mill-ħarsa ta' Alla l-ħażen kollu tal-imgħoddi. Kien għalhekk li David stqarr: *"Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura. Li għandu d-dnub tiegħu mistur!"* (Salm 31:2). Fuq kollox, norbtu ma' ġenbejna t-terħa tal-għażel, inqiegħdu wkoll it-turbant f'rasna, biex filwaqt li ħsibijietna jkunu tassew imħażżmin bis-sewwa, nitħarsu bl-elmu tat-tama tas-salvazzjoni. Aħwa tiegħi, lanqas għandkom taqtgħu qalbkom minkejja li għadkom dgħajfa, minkejja li jista' jkun li għadkom ħsiebkom fuq dak li hu ta' barra: taqtgħux qalbkom, għax intom imsieħba fil-



Damiani jirriferi għal bosta torturi li rċieva Ġorġi qabel il-martirju tal-qtugħ ir-ras.

kumpanija tal-martri, għax minn qalbkom tħobbu tassew ir-rebħiet tal-martri.

Il-ħames bniet magħżula ta' Selofħad (ara Num 27 u 36) għarfu li għandu jkun tagħhom il-wirt bħal ħut missierhom, kif ordna wkoll Mosè; kienu tasew ħamsa u fl-istess ħin nisa, biex bin-numru ħamsa titfisser il-ħidma minn barra, u bis-sess femminili titfisser id-dgħufija. Ġonatan ukoll (ara 1 Sam 18 u 19), meta sab ruħu f'nofs żewġ sitwazzjonijiet opposti, la baqa' ma' Sawl f'dak li hu ħażin, u lanqas seta' jqabbel ruħu għalkollox ma' David fit-tajjeb. Iżda ladarba kien il-ħabib tal-Profeta mogħġub minn Alla, u dwar il-ġejjieni tiegħu ma qies xejn aktar ħlief it-tjubija fraterna, ta' min jemmen b'mod xieraq li bil-ħbiberija tiegħu ma kienx issa maqsum fl-ispirtu, għax waqt li qrib tiegħu kien qed jgħix fil-ġisem, fl-istess ħin kien miegħu ħaġa waħda fl-imħabba.

Għalhekk aħna, maħbubin tiegħi, filwaqt li, bl-għajnuna ta' Alla, ħallejna warajna l-ispirtu ħażin li kien iħabbat lil Sawl (ara 1 Sam 16), u bħall-eżerċtu tal-Fargħun (ara Eż 18) għarraqnieh fil-Baħar l-Aħmar, bil-qawwa tas-sagrament tal-Għid noħorġu rebbieħa, u minkejja li minħabba d-dgħufija tagħna għadna ngħixu f'eremitaġġ, imma għad naslu għall-perfezzjoni tal-ħajja, jiġifieri għall-art li tnixxi ħalib u għasel. Ejjew noħorġu minn Sodoma, bla ma nieqfu ngħammru f'Sogħar (ara Ġen 19), iżda ħielsa, flimkien ma' Lot, nitilgħu bil-ħeffa ngħammru fil-quċċata tal-muntanja, sabiex minkejja li jkollna ngħaddu mit-tbatijiet tal-prova, minn issa nibdew ingawdu mir-rebħiet tal-qaddisin martri, li biex niksbuhom aħna wkoll mexjin bil-ħeffa, ħalli jirnexxielna nirbħu flimkien mal-qaddisin. U f'dan kollu hu stess ikun il-qawwa tagħna li tħarisna, hu li sar il-prezz għalina meta fdiena, Ġesù Kristu Sidna, li ma' Alla l-Missier u mal-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Nota tat-traduttur:** Fl-istess *Documenta Catholica Omnia*, Vol. MPL 186, 0621-0626B, insibu wkoll din l-istess *"Sermo de Sancto Georgio"* ta' San Pietru Damjan, Duttur tal-Knisja, li għex bejn l-1007 u l-1072, attribwita lil ċertu *"Zacharias Ignotæ Sedis Episcopus"* li għex bejn l-1100 u l-1200, jiġifieri wara l-istess San Pietru Damjan. Dan jikkonferma li l-prietka dwar San Ġorġ li tidher hawn fuq hi, oriġinarjament, ta' min għex qabel, ta' San Pietru Damjan.

# Dun Ġużepp Hili (1876-1937)

## Saċerdot Ġorġjan li sar l-ewwel Kappillan tal-Fontana

Chris Galea KM



Il-Kappillan Dun Ġużepp Hili.

Meta wieħed isemmi lill-Parroċċa tal-Fontana ma jistax ma jiftakarx f'Dun Ġużepp Hili. Fil-knisja ta' din il-parroċċa jispikka l-bust tiegħu, li juri l-importanza ta' din il-persuna.

Twieled ir-Rabat, Għawdex fis-7 ta' Marzu 1876 minn Ġorġ u Agata mwielda Grech u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1901. Dan il-qassis flimkien ma' ħuh Dun Alfons, stinka kemm felaħ u kien wieħed mill-pjunieri ewlenin li ħadmu biex tiġi mwaqqfa l-Knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Il-Fontana, jew aħjar it-Triq tal-Għajn, kien raħal li ma kellux knisja jew kappella għajr niċċa tas-Salvatur fl-istess triq. Kien jinħass il-bżonn ta' knisja biex isservi lill-komunità li kienet tgħix fit-Triq tal-Għajn. Il-knisja ġiet ikkonsagrata fid-29 ta' Jannar 1905. Fil-31 ta' Marzu 1911, Dun Ġużepp Hili nħatar bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-parroċċa; il-pussess sar fid-9 ta' April tal-istess sena.

Fi żmienu saru bosta opri fil-knisja, iżda dan il-kappillan ma kienx kuntent b'dan biss. Kien jinteressa ruħu ħafna fit-tfal, fil-morda u fil-foqra li magħhom kien jagħmel karità kbira. Bħala missier spiritwali tal-parroċċa kollha interessa wkoll ruħu ħafna mis-sajjieda. Għenhom bil-karità u bl-inkuraġġiment. Meta f'Novembru 1933, maltempata kbira kissret ħafna mid-dgħajjes fix-Xlendi, indaħal mal-Gvern ħalli s-sajjieda jakkwistaw xi għajnuna ħalli tagħmel tajjeb għal dak li kienu tilfu. Bħala rikonoxximent dawn is-sajjieda Fontanin waħħlu rħama taħt l-istatwa ta' Sant'Andrija fix-Xlendi.

Din il-ħidma kbira kienet frott il-ħajja spiritwali tiegħu. Kien iqaddes bi ħrara kbira, jitlob il-Liturġija tas-Sigħat b'ċerta devozzjoni, filwaqt li kien iqatta' ħafna ħin jaqra kotba spiritwali. Kien bniedem umli u qatt ma tkabbar b'dak li għamel. Ħabrek ħafna biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fl-1907, qabel il-knisja saret parroċċa, waqqaf il-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù. Fl-1908 ġab statwa tal-Qalb ta' Ġesù, li fl-1923 inbidlet ma' oħra maħduma minn Wistin Camilleri.

Matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru kien iġib diversi predikaturi biex ikellmu lill-poplu fuq il-Verġni Marija. Fis-19 ta' Marzu ta' kull sena kien jagħmel festa lil San Ġużepp.

Fl-1936, mal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ġew iċċelebrati l-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tal-parroċċa u mill-parrokkat ta' Dun Ġużepp. Fil-bidu ta' Marzu 1937 ħassu ħażin u ħalla din id-dinja fit-8 ta' Marzu tal-istess sena.



Il-Knisja tal-Fontana dakinhar tad-Dedikazzjoni tagħha fid-29 ta' Jannar 1905. L-ewwel qassis fuq ix-xellug hu Dun Ġużepp Hili. *Ħajr: Godwin Cutajar*

# AKTAR RITRATTI
# MIŻ-ŻJARA TAL-KWADRU TA' PINU
# U L-PROĠETTI TA' RESTAWR
















ITIAM
OFFICIV





# Il-Kuntratt tat-Twaqqif tal-Erba' Parroċċi

## (It-Tieni Parti)

Horatio Caesar Roger Vella

*...jaqbad mill-ħarġa ta' qabel*

**It-Test bil-Latin** (ANV, R792-10)

Nos frater David Cocco Palmerij è D[o]m[ini]s Magnae Crucis Ordinis S[anc]ti Jo[ann]is Hier[osolymita]ni Dei et S[anc]tae Sedis Ap[osto]licae g[rat]ia E[pisco]pus Meliten[sis]. Sacrae Catholicae M[aesta]tis Reg[ifi]ci Cons[ula]rius, ac Comm[en]dae S[ancti] Petri Casellar Commend[ata]rius.

Cum in prima Sancta g[e]n[era]li visitat[atio]ne ex debito nostri muneris pastoralis per Nos de proximo praeterito anno 1687 in Insula Gaudisij huius n[ost]rae Meliten[sis] Dioecesis personaliter peracta, compertum habuerimus, populos curae Matricis Ecclesiae Collegiatae sub titulo Assumptionis B[eatae] M[ariae] V[irginis] intus Castrum, quod noctu clauditur, sitae, eiusque Archipraesbyteratui subiectos, ita dispersos per eamdem Insulam in varijs Regionibus, sive contratis, praesertim in nuncupatis S[anc]tae Margaritae Ta Sannat, S[anc]ti Antonij de la Caccia, S[anc]tae Mariae de la Cala, et S[anc]tae Mariae Virtutum, sive Assumptionis de Zebug, ab ipsa Matrici Ecclesia, ut experti fuimus distantibus plus minus usque ad quatuor ardui itineris milliaria habitare, propriosque lares, et incolatus habere, ut congruo tempore, maxime in hyeme non sine magna difficultate praefatam Matricem Ecclesiam pro suscipiendis Sacramentis, et Divinis interessendo adire minime possint; Imo multoties contingere quamplures ex is diebus festivis de praecepto missam, pueros, ac puellas quasi semper doctrinam Christianam omittere, nonnullos etiam sine sacramentis, et fere omnes absque ulla sacerdotis assistentia decedere: cumque compertum quoque habuerimus aliquoru[m] Parochianorum domos Matrici Ecclesiae, et Archipraesbyteratui subiectas existere in suburbio, sive Rabato, in quo adest propria Parochialis Ecclesia sub invocatione Sancti Georgij, hincq[ue] saepe saepius inter Parochum Suburbij, et Rev[eren]du[m] Archipraesbyterum Matricis ob ipsam Ecclesiarum vicinitatem, et praefatorum Parochianorum mixtura[m], iurgia, ac dissentiones, et quandoq[ue] non sine magno Populi scandalo circa functiones ecclesiasticas, et Iura Parochialia oriri, quod etiam ex // [f. 2] // quibusdam processionibus, et actis antiquaru[m] visitationu[m] in nostra magna Curia Ep[iscopa]li conservatis apparet, ut tantis inconvenientibus occurremus, supplicationibus populoru[m] praedictaru[m] quatuor Regionu[m] sive contratarum Nobis pro opportuno remedio porrectis inclinati easdem quatuor Regiones, sive Contratas a Matrici Ecclesia, eiusq[ue] Archipraesbyteratu cum populis inibi respective habitantibus dismembrare, et aliquas ex Ecclesijs ruralibus in novas Parochias erigere inter alia omnino existimavimus, et toto corde optavimus: At viso per experientiam quod non suppetebat modus, sufficientem Rectoribus assignandi sustentationem vota nostra in praxim reducere dolenter distulimus, et ut saltem in partem recensitis omnibus provideramus, unum ex Missionarijs Sanctae Visit[atio]nis in alterum V[ici] Parochum ultra ordinarium Rev[eren]do Archipraesbytero Matricis cum certa provisione de consensu eiusdem pro interim deputavimus, et eosdem Rev[eren]du[m] Archipraesbyterum Matricis, ac Parochum S[anc]ti Georgij, ut iurgia, et dissentiones inter ipsos deinceps evitare studiose curarent

**It-Traduzzjoni għall-Malti** (ANV,R792-10)

Aħna, Fra Davide Cocco Palmeri, mis-Sinjuri tal-Gran Salib tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, għall-grazzja ta' Alla u tas-Sede Qaddisa Appostolika Isqof ta' Malta, Legat tas-Sagra Kattolika Maestà Rjali, u Kommendatarju tal-Kommenda ta' San Pietru Casellar.

Peress li fl-ewwel viżta ġenerali mqaddsa, magħmula minna personalment kif kien mistenni mid-dover tagħna pastorali fis-sena li għaddiet, 1687, fil-Gżira ta' Għawdex ta' din id-Djoċesi tagħna ta' Malta, sibna li popli, sottomessi għall-kura tal-Knisja Matriċi Kolleġġjata taħt it-titlu tal-Assunzjoni tal-Beata Marija Verġni, li tinsab ġewwa l-Fortizza, li tingħalaq billejl, u għall-presbiterat tagħha, hekk imferrxa mill-Knisja Matriċi nnifisha tul l-istess Gżira, jgħixu u għandhom l-imqades u l-abitazzjoni tagħhom f'reġjuni jew inħawi differenti, speċjalment f'(dawk) imsejħa ta' Santa Margerita Ta' Sannat, ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa, ta' Santa Marija tal-Qala u ta' Santa Marija tal-Virtujiet, jew tal-Assunzjoni taż-Żebbuġ, li huma bogħod, kif skoprejna, ftit jew wisq sa erba' mili ta' vjaġġ diffiċli, tant li fi żmien xieraq, speċjalment fix-xitwa, mhux mingħajr diffikultà kbira, bilkemm ikunu jistgħu jaslu sal-ġa msemmija Knisja Matriċi biex jirċievu s-Sagramenti u biex jieħdu sehem fil-(Kult) Divin; imma ħafna drabi jiġri li bosta jħallu barra l-quddiesa f'dawk il-jiem tal-festi tal-obbligu, is-subien u l-bniet kważi dejjem (iħallu barra) id-duttrina Nisranija, kif ukoll xi wħud imutu bla Sagramenti, u kważi kollha bla ebda assistenza ta' qassis; u peress li skoprejna wkoll li d-djar ta' xi parruċċani, sottomessi għall-Knisja Matriċi u għall-Arċipresbiterat, jinsabu fis-Subborg, jew ir-Rabat li fih tinsab il-Knisja Parrokkjali tiegħu taħt it-titlu ta' San Ġorġ, u hawn ħafna u ħafna drabi jqumu tilwim u diżgwid bejn il-Kappillan tas-Subborg u r-Reverendu Arċipriet tal-Matriċi minħabba l-qrubija nnifisha tal-knejjes u t-taħlit tal-ġa msemmija Parruċċani, u xi drabi fuq funzjonijiet ekkleżjastiċi u drittijiet Parrokkjali, mhux mingħajr skandlu kbir tal-Poplu, li wkoll // [f. 2] // jidher f'ċerti purċissjonijiet u fl-atti ta' viżti antiki kkonservati fil-Manja Kurja Episkopali tagħna, kif aħna qegħdin inħabbtu wiċċna ma' tant inkonvenjenzi, favorevoli lejn it-talbiet tal-ġa msemmija popli tar-raba' Reġjuni jew inħawi miġjubin Lilna għal rimedju opportun, aħna għalkollox ħsibna u xtaqna b'qalbna kollha li niddiżmembraw l-istess erba' Reġjuni jew inħawi mill-Knisja Matriċi u mill-Arċipresbiterat tagħha bil-popli li jgħixu fihom rispettivament, u li nwaqqfu, fost affarijiet oħra, uħud minn knejjes rurali għal parroċċi ġodda: imma wara li rajna mill-esperjenza li l-mod kif tassenja sostenn suffiċċjenti lir-Retturi ma kienx qed ikun suffiċċjenti, aħna ppostponenja kontra qalbna xewqatna li nirriduċu(ha) fil-prattika, u kif almenu konna ħadna ħsieb parzjalment għal kull pjan, aħna għall-mument ikkunsidrajna wieħed mill-mibgħuta tal-Viżta Mqaddsa bħala Viċi-Kappillan ieħor barra dak tas-soltu lir-Reverendu Arċipriet tal-Matriċi bi proviżjoni ċerta dwar il-kunsens tiegħu stess, u bis-serjetà ammonejna lill-istess Reverendu Arċipriet tal-Matriċi u l-Kappillan ta' San Ġorġ, biex jaraw kif b'mod serju jevitaw suċċessivament id-diżgwid ta' bejniethom. Imbagħad, waqt

serio admonuimus. Rem deinde incessanter, et sine interquie scientia[1] meditantes, animoque revoluentes, Deo inspirante, recursu[m] habuimus ad liberalem munificentiam Em[inentissi]mi, et Rev[erendissi]mi M[agistr]i[2] f[rat]ris D[omini] Gregorij Carafa Sacrae Relig[io]nis Hieros[olymita]nae Magni Magistri, et haru[m] Insularum Principis dignissimi, qui nostris petitionibus benigne annuens, plures terras incultas vulgo spatia publica in eadem Insula Gaudisij sitas in subsidium dotium Parochialiu[m] noviter erigendarum, et pro congrua earum Parochorum sustentat[io]ne ex sua pietate gratiose concessit, et assignavit; nec non Matrici Ecclesiae, eiusq[ue] Archipraesbyteratui vicinam Parochiale[m] S[anc]ti Georgij Rabati, sive Suburbij unire prout alias signanter in S[anc]ta Visit[atio]ne de anno 1630 ex solo motivo vitandi iurgia, et dissentiones inter earum Rev[eren]du[m] Archipraesbyterum, et Parochum, aliaque inconvenientia e vicinitate, et mixtura Parochianoru[m] insurgentia tanquam valde necessarium commendatum fuit seu verius loco supradictam // [f. 3] // quatuor Regionum, sive contratarum distantiu[m], ne aliquod ex earum dismembratione Archipraesbyteratus patiatur detrimentum subrogare, et subijcere excogitavimus, atque deliberavimus, eo maxime quia Rev[eren]dus V[triusque] J[uris] D[octor] D[on] Carolus Magri modernus Archipraesbyter agnoscens h[ui]u[smo]di nostri voti effectuatione[m], animaru[m] inibi habitantium saluti non solum utilem, sed etiam pernecessariam esse, suum consensum pariter, et assensum praestitit per acta Notarij Io[ann]is Baptistae Dorbesij de die 13 Januarij proximi praeteriti 1688. His igitur omnibus sic dispositis, volentes num ex debito nostri Pastoralis Officij praedicta omnia, ut par est, in effectu[m] reducere, et opere complere; visis informationibus desuper captis, et attentis praefatis concessione stabilium per Em[inentissi]mu[m], et Rev[erendissi]mu[m] D[omi]num Magnum Magistrum facta, ac consensu a Rev[eren]do Archipraesbytero praestito, alijsq[ue] necessarijs, et opportunis, et super omnibus, et singulis matura consideratione praehabita, invocato Christi nomine, eiusque Gloriosissimae Genetricis Mariae semper Virginis, ac Divi Pauli Apostoli totius nostrae Dioecesis Patroni, tenore p[raese]ntium, et omni et Sacrorum Canonum, et Concilij Trid[entini] dispositionibus inhaerentes omnibus melioribus modo, via, Iure, et forma, quibus melius, validius, et efficacius possumus, authoritate nostra tum ordinaria, tum delegata, praefatas quatuor Regiones, sive contratas nempe S[anc]tae Margaritae Ta Sannat, S[anc]ti Antonij de la Caccia, S[anc]tae Mariae de la Cala, et S[anc]tae Mariae Virtutum sive Assumptionis de Zebug in eadem Insula Gaudisj sitas, et positas cum earum omnibus respectivis habitationibus, incolis, familijs, laribus, domibus, ecclesijs ruralibus, et pertinentijs iuxta confines, et terminos a Nobis infra designandos ob earum distantiam, aliasque causas supra expressas, et ex informationibus captis resultantes, a praefata Matrici Ecclesia Collegiata, eiusque Archipraesbyteratu perpetuo, et cunctis futuris temporibus, sub conditionibus t[ame]n, et declarationibus, ac alijs infrascriptis dismembramus, seu verius disiungimus, dividimus, // [f. 4] // atque separamus, ac pro dismembratis, disiunctis, divisis, et separatis respective haberi volumus, et mandamus, earumque ecclesias supra nominatas, et inibi existentes, sive alias in locis a Nobis infra designandis de novo continendas in Parochiales inter se, et adinvicem divisas, distinctas, et separatas cum honoribus, oneribus, insignijs, praerogativis, et praeeminentijs Parochialibus erigimus, statuimus, eligimus, et deputamus, et in eis, ac in unaquaque ipsaru[m] respective cum fuerint aptae, et decenter ornatae, ac reseratae, S[anctissi]mae Eucharistiae

li rriflettejna bl-għerf il-ħaġa mingħajr waqfien u serħan, waqt li ħsibnieha mill-ġdid b'moħħna, bl-ispirazzjoni ta' Alla, dorna lejn il-ġenerożità wiesgħa tal-Wisq Eminenti u Reverendu Kaptan Fra Sinjur Gregorio Carafa, Gran Mastru tar-Reliġjon Qaddisa ta' Ġerusalemm u Prinċep Wisq Denn ta' dawn il-gżejjer, li hekk kif bil-qalb kollha qabel mat-talbiet tagħna, ikkonċeda u assenja mill-ħniena tiegħu liberalment iktar artijiet mhux maħduma, imsejħa komunement spazji pubbliċi li jinsabu fl-istess Gżira ta' Għawdex, bħala sussidju tad-doti Parrokkjali li għandhom jitwaqqfu dalwaqt, u bħala sostenn xieraq ta' dawn il-Kappillani; hekk ukoll kien rakkomandat bħala neċessarju tabilħaqq li ngħaqqdu mal-Knisja Matriċi u mal-Arċipresbiterat tagħha dik Parrokkjali viċina ta' San Ġorġ tar-Rabat, jew tas-Subborg, kif fi żmien ieħor (deher) b'mod ċar fil-Viżta Mqaddsa tas-sena 1630, għall-unika raġuni biex wieħed jevita t-tilwim u d-diżgwid bejn ir-Reverendu Arċipriet u l-Kappillan tagħhom, u affarijiet oħru inkonvenjenti li jqumu mill-viċinanza u t-taħlit tal-parruċċani, jew aħjar irriflettajna u ħsibna, biex l-Arċipresbiterat ma jsofri ebda detriment mid-diżmembrazzjoni tagħhom, li nissostitwixxu u nissottomettu taħtu lill-ġa msemmija (Parroċċa ta' San Ġorġ) flok // [f. 3] // l-erba' Reġjuni, jew inħawi li huma 'l bogħod (minnha), speċjalment għaliex ir-Reverendu Dun Karlu Magri, Duttur taż-Żewġ Liġijiet, Arċipriet tal-lum, waqt li jagħraf il-konsegwenza ta' din ix-xewqa tagħna, li jkun mhux biss utli għas-saħħa tal-erwieħ ta' dawk li jgħixu fihom, imma wkoll li huwa wisq neċessarju, ta wkoll il-kunsens u l-qbil tiegħu permezz tal-Atti tan-Nutar Ġwanni Battista Dorbes tat-13 ta' Jannar li għadda, 1688. Għalhekk, wara li dawn l-affarijiet kollha ġew disposti b'dan il-mod, waqt li xtaqna li forsi nġibu fis-seħħ, kif inhu xieraq, l-affarijiet kollha ġa msemmija mill-obbligu tad-dover Pastorali tagħna, u li nwettquh effettivament; wara li rajna l-informazzjonijiet ġa msemmija miġjuba fuq u tajniehom l-attenzjoni, wara li saret il-konċessjoni tal-proprjetajiet mill-Wisq Eminenti u Reverendu Sinjur Gran Mastru, u wara li l-kunsens ngħata mir-Reverendu Arċipriet, u wara li kunsiderazzjoni matura ġiet murija qabel fuq affarijiet oħra neċessarji u opportuni u fuq kull ħaġa, wara li ġie invokat isem Kristu u (dak) tal-Wisq Glorjuża Ommu Marija dejjem Verġni, u (dak) ta' San Pawl Appostlu, Patrun tad-Djoċesi tagħna kollha, skont (iċ-ċirkustanzi) preżenti, waqt li nżommu ma' kull dispożizzjoni aħjar kemm tal-Kanoni Sagri u kemm tal-Konċilju ta' Trento, bil-mod, manjiera, dritt u forma li bihom inkunu nistgħu (inwettquhom) aħjar, b'iktar saħħa u effikaċja, bl-awtorità tagħna kemm ordinarja u kemm delegata, aħna niddiżmembraw, jew aħjar nifirdu, niddividu, // [f. 4] // u anki nisseparaw il-ġa msemmija erba' Reġjuni jew inħawi, jiġifieri, ta' Santa Margerita Ta' Sannat, ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa, ta' Santa Marija tal-Qala, u ta' Santa Marija tal-Virtujiet jew tal-Assunzjoni taż-Żebbuġ, li jinsabu u qegħdin fl-istess Gżira ta' Għawdex, bl-abitazzjonijiet rispettivi kollha tagħhom, abitanti, familji, imqades, djar, knejjes rurali u dak li jagħmel magħhom skont il-konfini u l-limiti li għandhom jiġu mmarkati minna hawn isfel, minħabba d-distanza tagħhom u kawżi oħra espressi fuq, u li anki jirriżultaw minn informazzjonijiet miġjuba, mill-ġa msemmija Knisja Matriċi Kolleġġjata u mill-Arċipresbiterat għal dejjem u għal kull żmien futur, imma taħt kundizzjonijiet u dikjarazzjonijiet u affarijiet oħra miktuba isfel, u rridu u nordnaw li jkunu magħduda bħala diżmembrati, mifrudin, diviżi u separati rispettivament, u nwaqqfu, nistabbilixxu, nagħżlu u nikkunsidraw il-knejjes tagħhom imsemmija fuq u li jeżistu hemmhekk, jew oħrajn li għandhom jinżammu

Sacramentum, fontem baptismalem, omniaque alia ad Parochialitatem pertinentia poni, et conservari, ac sacramenta a Parochis ministrari consueta iuxta opportunitatem temporis, habitationibus omnibus, et singulis earumdem quatuor Regionu[m], sive contrataru[m] a Parochis per Nos, et successores nostros ut infra eligendis, et deputandis ministrari, missas diebus Dominicis, et festivis de praecepto, caeteraque Parochi munia plene exerceri volumus, et mandamus. Declarantes ex tunc in antea, et in perpetuu[m] ecclesias praefatas S[anctae] Margaritae Ta' Sannat, S[anc]ti Antonij de la Caccia, S[anc]tae Mariae de la Cala, et S[anc]tae Mariae Virtutum, sive Assumptionis de Zebug, seu alias in locis a Nobis infra designandis de novo construendas esse vere, ac cum effectu Parochiales, et Curatas distinctas, et adinvicem separatas cum populo, et populis ibidem respective habitantibus, et a Matrice Ecclesia Collegiata, eiusq[ue] Archipraesbyteratu perpetuo dismembratas, seu verius disiunctas et divisas: electionemque, et deputationem omniu[m], et singuloru[m] Parochorum earumdem quatuor Ecclesiaru[m] sic ut supra in Parochiales erectarum, et eorum successoru[m] in perpetuu[m], ac cunctis futuris temporibus pro cura animarum in iam dictis quatuor Regionibus, sive Contratis pro tempore existentiu[m] spectare ad Nos, et successores nostros, et ad meram, et liberam collationem, et provisionem nostram ordinariam nulli prorsus Iuri patronatus, et servituti subiectam; ad ipsos vero Parochos, et eoru[m] singulos // [f. 5] // pro congrua sustentatione respective spectare, et pertinere fructus, redditus, et proventus quoscunque praedictarum terrarum incultarum, seu spatiorum publicorum, aliorumque bonoru[m] stabiliu[m] infra specificandorum, et per Nos pro dote ipsarum quatuor Parochialium noviter erectaru[m] ut infra distribuendoru[m], et assignandorum, necnon primitias frumenti, et ordei, Iura stolae Parochianoru[m] praefatarum quatuor Regionum, sive contratarum, eleemosynas, oblationes, obventiones, et quaecunque alia emolumenta Parochialia Archipraesbytero dari solita exceptis tamen decimis, et bonis stabilibus dicti Archipraesbyteratus, quae ad favorem Rev[eren]di Archipraesbyteri, et successorum remanere semper habeant, et debea[n]t ad formam, et tenorem consensus per eumde[m] ut supra praestiti: obligantes Parochianos pariter respective ipsarum quatuor Regionum sive Contratarum pro subventione propriarum Parochiaru[m] noviter erectarum ad praedicta spatia publica proprijs sumptibus hac vice tantu[m] muris lapideis siccis more Regionis circumdanda et ad culturam apta reddenda, et praeterea ad ecclesias praefatas iam existentes eorum quoque sumptibus ampliandas, sive denovo alias in locis a Nobis infra designandis construendas, aedificandas, et decenter ornandas, ac manutenendas. Quas quatuor ecclesias sic in parochiales noviter erectas, ut de idoneis Rectoribus quamprimu[m] ut decet, et a prim<a>evis earum erectionu[m] vacationibus provideamus, Nos pro exercitio curae in populum, ac populos utriusque sexus fideles in dictis quatuor Regionibus, sive contratis, earumque pertinentijs habitantes, infrascriptos quatuor praesbyteros nominamus, et deputamus, et tanquam habiles, et idoneos repertos per examinatores in Dioecesana Synodo deputatos praeficimus, qui populo, et populis, ac ecclesijs praedictis in Divinis, et animarum curis gerendis respective praesint, illisque et eorum cuilibet curam, regimen, et administrationem Sacramentorum populis, et inhabitatoribus dictaru[m] quatuor Regionum, sive // [f. 6] // contratarum committimus, ac eosdem de praefatis ecclesijs Parochialibus sic noviter erectis providemus: mandantes inter dictos novos Parochos,

mill-ġdid f'parrokkjali bejniethom f'postijiet li għandhom jiġu mmarkati minna isfel, diviżi, distinti u separati anki minn xulxin, bl-unuri, piżijiet, dekorazzjonijiet, prerogattivi u preminenzi Parrokkjali, u rridu u nordnaw li jitpoġġew u jinżammu fihom u f'kull waħda minnhom rispettivament, meta jkunu addattati u mżejna diċentement u mogħtija l-bidu, is-Sagrament tal-Ewkaristija Wisq Qaddisa, il-fonti tal-magħmudija u l-affarijiet l-oħra kollha li jappartienu lill-Parrokkjalità, u li s-Sagramenti tas-soltu għandhom jiġu amministrati skont l-opportunità taż-żmien lill-abitazzjonijiet kollha tal-istess erba' Reġjuni jew inħawi mill-Kappillani li għandhom jintgħażlu u jiġu kkunsidrati minna u mis-suċċessuri tagħna kif (muri) isfel, li quddies għandu jiġi amministrat fil-jiem tal-Ħdud u l-festi ta' obbligu, u li l-bqija tad-doveri tal-Kappillan għandhom jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Waqt li niddikkjaraw minn issa għall-quddiem u għal dejjem li l-knejjes ġa msemmija ta' Santa Margerita Ta' Sannat, ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa, ta' Santa Marija tal-Qala, u ta' Santa Marija tal-Virtujiet, jew tal-Assunzjoni taż-Żebbuġ, jew oħrajn li għandhom jinbnew mill-ġdid f'postijiet li għandhom jiġu mmarkati minna isfel huma verament u b'effett Parrokkjali u Kurati distinti u separati minn xulxin bil-poplu u l-popli li jgħixu f'dawk il-postijiet rispettivament, u diżmembrati għal dejjem mill-Knisja Matriċi Kolleġġjata u mill-Arċipresbiterat tagħha, jew aħjar mifruda u diviża: u li l-elezzjoni u l-kunsiderazzjoni ta' kull Kappillan tal-istess erba' knejjes hekk imwaqqfa f'Parrokkjali kif (muri) fuq u s-suċċessuri tagħhom għal dejjem u għal kull żmien futur għall-kura tal-erwieħ li jkunu jeżistu dak iż-żmien fil-ġa msemmija erba' Reġjuni jew inħawi jikkonċerna lilna u s-suċċessuri tagħna, u lill-kontribuzzjoni sempliċi u libera u l-proviżjoni ordinarja tagħna suġġetta għalkollox għal ebda ġuspatronat jew servitù; imma jikkonċerna u jmiss lill-Kappillani nfushom u lil kull wieħed minnhom // [f. 5] // għas-sostenn xieraq rispettivament il-frott, id-dħul u l-prodott kwalunkwe tal-ġa msemmija artijiet mhux maħduma jew ta' spazji pubbliċi u ta' proprjetajiet oħra li għandhom jiġu speċifikati isfel u li għandhom jitqassmu u jiġu assenjati minna kif (muri) isfel għad-dota tal-erba' Parroċċi nfushom riċentement imwaqqfa, kif ukoll l-ewwel tal-qamħ u tax-xgħir, drittijiet tal-istola tal-parruċċani tal-ġa msemmija erba' Reġjuni jew inħawi, elemożini, offerti, għotjiet u kwalunkwe gwadann Parrokkjali ieħor li s-soltu jingħataw lill-Arċipriet, imma minbarra d-deċmi u proprjetajiet tal-imsemmi Arċipresbiterat, li għandhom u jeħtieġ jibqgħu dejjem a favur ir-Reverendu Arċipriet u s-suċċessuri skont il-forma u s-sens tal-kunsens mogħti mill-istess kif (muri) fuq: waqt li nobbligaw ukoll lill-parruċċani rispettivi tal-erba' Reġjuni jew inħawi nfushom għall-għajnuna tal-parroċċi tagħhom imwaqqfa riċentement biex, kulħadd f'tiegħu, idawru l-ġa msemmija spazji pubbliċi bi spejjeż tagħhom bil-ħitan tas-sejjieħ biss skont (l-ambjent) tar-Reġjun, u biex iġibu lura dawk (l-għelieqi) adatti għall-kultivazzjoni u, barra minn hekk, biex ikabbru lill-ġa msemmija knejjes ġa eżistenti wkoll bi spejjeż tagħhom, jew mill-ġdid itellgħu, jibnu u jsebbħu oħrajn diċentement u jagħmlu manutenzjoni f'postijiet li għandhom jiġu mmarkati minna isfel. Sabiex nipprovdu malajr kemm jista' jkun lil dawn l-erba' knejjes hekk imwaqqfa f'parrokkjali riċentement Retturi idonji kif jixraq u mill-vakazzjoniiet tal-bidu tat-twaqqif tagħhom, Aħna, għat-tħaddim tal-kura tal-poplu u tal-popli fidili taż-żewġ sessi fl-imsemmija erba' Reġjuni jew inħawi, u ta' dawk li jgħixu fil-partijiet li jagħmlu magħhom, ninnominaw u nikkunsidraw l-erba' qassisin imsemmija isfel u naħtruhom bħala misjuba kapaċi u idonji minn eżaminaturi kkunsidrati fis-Sinodu Djoċesan, biex

ac Parochiales ecclesias praecedentia[m] remanda[tam] esse in perpetuu[m], et cunctis futuris temporibus iuxta ordine[m], quo p[raese]nti nostro decreto describuntur, videlicet quod Parochus, et Parochialis ecclesia S[anc]tae Margaritae Ta Sannat praecedant Parocho, et Parochiali Ecclesiae Regionis, sive contratae S[anc]ti Antonij de la Caccia; haec Parocho, et Parochiali Ecclesiae S[anc]tae Mariae de la Cala; et haec tandem Parocho, et Parochiali Ecclesiae S[anc]tae Mariae Virtutum sive Assumptionis de Zebug: et insimul obligantes ipsosmet quatuor novos Parochos, et eorum quemlibet, ac in Parochialibus p[raedi]ctis sic noviter erectis successores ad praestandu[m] per se ipsos, vel per submissas personas hodierno Rev[eren]do Archipraesbytero praefatae Matricis Collegiatae Ecclesiae, et pro tempore existenti in signum subiectionis quolibet anno in perpetuu[m] in festivitate B[eatae] M[ariae] V[irginis] Assumptae candelam una[m] cerae albae ponderis unius librae: et propterea volumus quod Rev[eren]do Archipraesbytero, et successoribus suis liceat, et licitum sit pro publicis processionibus faciendis ad dictas Parochiales sic noviter erectas, omnesque alias eis, et earum cuilibet subiectas ecclesias accedere, et in ipsis functiones ecc[lesiasti]cas ad easdem processiones tantu[m] et dumtaxat pertinentes peragere quodque a p[raedi]ctis futuris novis Parochis, et eoru[m] successoribus decessus, et exercitiu[m] dictaru[m] functionu[m] nullatenus impediri possit. Et ne per hu[iusmo]di dismembratione[m], sive verius disiunctionem, separationem, et divisionem praefataru[m] quatuor Regionu[m] sive contrataru[m] distantiu[m] ipsa Matrix Ecclesia Collegiata, eiusq[ue] Archipraesbyteratus detrimentum aliquod patiatur, attentis vicinitate sup[radi]ctae Parochiae S[anc]ti Georgii Rabati, sive Suburbij, et aequalitate tum Parochianoru[m], tum reddituum, ac emolumentoru[m], nec non pro tollendis iurgijs, alijsque de causis ex informationibus captis resultantibus loco ipsarum quatuor Regionu[m] sive contratarum in // [f. 7] // Parochias sic noviter erectaru[m] postquam praefata ecclesia Parochialis S[anc]ti Georgij per cessum, sive decessum actualis eius Parochi vel aliter quomodocunque, et qualitercunque vacaverit, ex nunc pro tunc eamdem Parochialem S[anc]ti Georgij, Parochialitatis statu tamen prout in praesentiaru[m] reperitur firmo semper remanenti eoque minime suppresso, nec immutato, unico contextu eidem Archipraesbyteratui Matricis Ecclesiae unimus, sive verius subrogamus, ac subijcimus curae, gubernio, rectoratui, regimini hodierni Rev[eren]di Archipraesbyteri, eiusque successoru[m] in perpetuu[m], et cunctis futuris temporibus cum omnibus eius Parochianis, attinentijs, proventibus, Altariu[m] Ecclesiae p[raedi]ctae festivitatibus, Iuribus sepulturaru[m], alijsque emolumentis universis, et singulis ad eamdem ecclesia[m] Parochiale[m] S[anc]ti Georgij spectantibus, exceptis solummodo stabilibus pro subsidio dotium earumdem quatuor Parochialiu[m] noviter erectaru[m] per Nos, ut infra assignandis, et distribuendis, et non aliter \et cetera/ et pro unita seu verius subrogata, et subiecta in perpetuu[m] esse volumus, et mandamus ad instar Par[ochia]lis Ecclesiae S[anc]ti Pauli Apostoli extra moenia Civitatis Notabilis Insulae Melitae curae, gubernio, rectoratui, et regimini Ad[modu]m Rev[eren]di Archipraesbyteri nostrae Cat[hedra]lis Ecc[lesi]ae subiectae, ita ut vacatione p[raedi]cta secuta, et successive de mandato nostro possessione per Rev[eren]du[m] Archipraesbyteru[m] de d[ict]a Parochiali Ecclesia S[anc]ti Georgij capta in eumdem, et pro tempore existentes Archipraesbyteros in perpertuu[m] translata intelligatur cura, guberniu[m], et regimen eiusdem Ecclesiae Par[ochia]lis S[anc]ti Georgij, qui in ea sacramenta omnia Parochianis ministrare,

rispettivament jamministraw lill-poplu u l-popli u l-ġa msemmija knejjes fit-twettiq tas-Sagramenti u l-kuri tal-erwieħ, u nafdawlhom u lil kull wieħed minnhom il-kura, it-treġija u l-amministrazzjoni tas-Sagramenti lill-popli u lill-abitanti tal-imsemmija erba' Reġjuni // [f. 6] // jew inħawi, u nħarsu 'l quddiem lejn l-istess dwar il-ġa msemmija knejjes parrokkjali hekk imwaqqfa riċentement: waqt li nordnaw li l-preċedenza għandha tinżamm bejn l-imsemmija Kappillani ġodda u knejjes Parrokkjali għal dejjem u għal kull żmien futur skont l-ordni li bih ser jiġu deskritti b'dan id-digriet tagħna, jiġifieri, li l-Kappillan u l-Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita Ta' Sannat jippreċedu lill-Kappillan u l-Knisja Parrokkjali tar-Reġjun jew inħawi ta' Sant'Antnin tal-Kaċċa; dawn lill-Kappillan u l-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Qala; u, fl-aħħar nett, dawn lill-Kappillan u lill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Virtujiet jew tal-Assunzjoni taż-Żebbuġ: u waqt li fl-istess waqt nobbligaw lill-erba' Kappillani ġodda nfushom u lil kull wieħed minnhom u lis-suċċessuri (tagħhom) fil-ġa msemmija Parroċċi hekk imwaqqfa riċentement sabiex jipprovdu, huma nfushom jew persuni taħthom, lir-Reverendu Arċipriet tal-lum tal-ġa msemmija Knisja Matriċi Kolleġġjata u għal dak eżistenti fiż-żmien bħala sinjal ta' sottomissjoni kull sena għal dejjem fil-festa tal-Beata Marija Verġni Assunta mixegela waħda ta' xamgħa bajda ta' toqol ta' libbra waħda: u, barra minn hekk, nixtiequ li jkun possibbli u li għandu jkun possibbli għar-Reverendu Arċipriet u s-suċċessuri tiegħu li jasal sal-imsemmija parroċċi hekk imwaqqfa riċentement u sal-knejjes oħrajn kollha u kull waħda minnhom suġġetti għalihom biex jagħmel purċissjonijiet pubbliċi, u li jmexxi fihom il-funzjonijiet ekkleżjastiċi li għandhom x'jaqsmu biss u xejn iktar mal-istess purċissjonijiet, u li l-operat u l-eżerċizzju tal-imsemmija funzjonijiet ma jkunu bl-ebda mod jistgħu jiġu impediti mill-ġa msemmija Kappillani ġodda futuri u mis-suċċessuri tagħhom. U biex il-Knisja Matriċi Kolleġġjata nnifisha u l-Arċipresbiterat tagħha ma jsofru ebda detriment minn din id-diżmembrazzjoni, jew aħjar il-firda, separazzjoni u diviżjoni tal-ġa msemmija erba' Reġjuni jew inħawi mbegħdin, wara li tajna attenzjoni lill-qrubija tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat, jew tas-Subborg, imsemmija fuq, u tal-ugwalità kemm tal-parruċċani u kemm tad-dħul u tal-gwadanni, kif ukoll biex jitneħħew it-tilwim u affarijiet oħra li jirriżultaw minn kawżi miġjuba minn informazzjonijiet, flok l-erba' Reġjuni nfushom jew inħawi // [f. 7] // hekk imwaqqfa f'parroċċi riċentement, wara li l-ġa msemmija Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tkun ġiet vakata permezz ta' riżenja jew mewt tal-Kappillan attwali tagħha jew b'kwalunkwe mod u manjiera oħra, minn issa għal quddiem ngħaqqdu, jew aħjar nissostitwixxu l-istess Parroċċa ta' San Ġorġ mill-istat ta' Parrokkjalità li jibqa', imma, kif tinsab (fl-istat) taż-żminijiet preżenti, dejjem tali u mill-inqas soppress jew mibdul, b'unità singulari mal-istess Arċipresbiterat tal-Knisja Matriċi, u nissottomettu għall-kura, amministrazzjoni, rettorat, treġija tar-Reverendu Arċipriet tal-lum u tas-suċċessuri tiegħu għal dejjem u għal kull żmien futur bil-parruċċani kollha tiegħu dak li għandu x'jaqsam miegħu, dħul, festi tal-Altari tal-ġa msemmija knisja, drittijiet tad-dfin u l-gwadanni l-oħra kollha li jappartienu lill-istess Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, barra biss il-proprjetajiet għas-sussidju tad-doti tal-istess erba' Parroċċi mwaqqfa riċentement li għandhom jiġu assenjati u mqassma minna kif (muri) isfel, u mhux b'mod ieħor u l-bqija; u rridu u nordnaw li tkun magħquda jew aħjar sostitwita u sottomessa għal dejjem bħall-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Appostlu barra s-swar tal-Belt Notabile tal-

caeteraque munia Parochialia per se ipsum sive per eius V[ici] Parochu[m] ab Ordinario approbandum exercere teneatur, sibique, et successoribus suis in dicto Archipraesbyteratu, Iura, obventiones, et emolumenta quaecunque eiusdem Par[ochia]lis Ecclesiae S[anc]ti Georgij, exceptis ut supra bonis stabilibus, spectent, et pertineant eaque percipere, et consequi, ac in proprios usus, et utilitatem convertere, et applicare possit et valeat, // [f. 8] // cuiusvis licentia desuper minime requisita ad forma[m] et tenore[m] supradicti consensus per eumdem Rev[eren]du[m] Archipraesbyteru[m] praestiti.

Gżira ta' Malta sottomessa għall-kura, amministrazzjoni, rettorat u treġija tal-Wisq Reverendu Arċipriet tal-Knisja Katidrali tagħna b'tali mod li wara li sseħħ il-ġa msemmija vakazzjoni, u wara li suċċessivament jittieħed il-pussess skont il-mandat tagħna mir-Reverendu Arċipriet fuq l-imsemmija Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, il-kura, l-amministrazzjoni u t-treġija tal-istess Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ għandhom jinftehmu li jkunu għaddew għal dejjem għall-istess (Arċipriet) u għall-Arċiprieti eżistenti dak iż-żmien, li għandu jkun mistenni li jamministra fiha s-Sagramenti kollha lill-Parruċċani u jeżerċita d-doveri l-oħra Parrokkjali hu nnifsu jew il-Viċi-Kappillan tiegħu li għandu jiġi approvat mill-Ordinarju, u (jeżerċita) id-drittijiet, dawk l-affarijiet li jingħatawlhom u l-gwadanni kollha tal-istess Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ li jistgħu jgħajtu u jappartjenu (lilha), barra dawk il-proprjetajiet kif (muri) fuq, għalih innifsu u s-suċċessuri tiegħu fl-imsemmi Arċipresbiterat, u li jkun jista' u jkollu l-poter li jipposjedi u jkollu u jibdel u japplika għall-użu u l-vantaġġ tiegħu, // [f. 8] // wara li permezz ta' kwalunkwe ħaġa kien bilkemm nieqes minn fuq skont il-forma u s-sens tal-kunsens imsemmi fuq mogħti mill-istess Reverendu Arċipriet.

(Riferenzi)
[1] *scentia*, ms.
[2] Il-Gran Mastru Gregorio Caraffa kellu suċċess bħala *Magister Navium Bellicarum* bil-Battalja tad-Dardanelli.

*...jissokta f'ħarġa oħra*

# Lil Mons. Feliċ Tabone 'tal-Barkuna'

## F'għeluq l-erbgħin sena tas-saċerdozju tiegħu (1978 – 14 ta' Lulju – 2018)

### Vigarju Parrokkjali ta' San Ġorġ (1979- )

Neputi ta' Mons. Salv Tabone, Kanċillier tad-Djoċesi (1906-1975)
Proneputi ta' Dun Pawl Micallef tal-Oratorju (1897-1956)
Proneputi tal-Onorevoli Ġużè Micallef, Ministru tal-Biedja (1891-1940)



Niftakrek dejjem bis-suttana tiġbor,
bil-ħarsa mqita ta' min għandu j'tik;
nistħajjel ħsibijietek kollha tostor,
taqdi 'l kulħadd bla ma żżomm xejn għalik.

Għaliex nervuż,  fil-qadi qatt ma tiżloq,
f'qalbek post għal kulħadd tfittex u ssib;
f'ħidmietek lilna lkoll, fis-sewwa, tiżboq,
waqt li fis-snin sibt fik l-aqwa ħabib.

Ma tafx tgħid le… qalbek, daqs fommok, beraħ
għall-fqir u għas-sinjur, f'kull waqt, f'kull ħin –
lil kull Ragħaj ta' San Ġorġ fittixt li sserraħ,
lill-poplu qdejt għal erba' għaxriet ta' snin.

Illum għandi għalik kliem ta' foħrija,
għax fik lil Kristu lmaħt jerfa' l-milwija.

**Dun Geoffrey George Attard**
Il-Belt Victoria
14 ta' Lulju 2018

*Mill-Arkivju tal-Parroċċa (1)*

# Il-bini tan-Nava tal-Punent: Il-kuntratti sabiex dan seta' jseħħ

Toni Farrugia




Il-pjanta tal-1936 li turi t-tibdil li kellu jsir fl-arranġament tat-triq minħabba fil-bini tan-nava tal-punent, mehmuża mal-kuntratt misjub fl-Arkivju tan-Nutara, il-Belt Victoria. *Ħajr: Silvio Hili*

Fil-ktejjeb *Festi San Ġorġ 1985*, il-mibki Kan. Nikol Vella Apap ippubblika artiklu *Ħamsin sena mill-bini tan-Navijiet tal-Bażilika ta' San Ġorġ*. Fuq il-bini tan-nava tal-punent, Dun Nikol kiteb illi "[sabiex tinbena din in-nava] kien hemm bżonn li tittieħed it-triq. Hawnhekk kienet diffikultà kbira. Wara li sar ftehim mas-sidien tad-djar ta' dik in-naħa, inħattu d-djar u nbnew mill-ġdid lura, saret triq ġdida u fit-triq il-qadima nbnew in-navijiet. Fid-19 ta' Ġunju 1936 bdew iħottu d-djar il-qodma u t-triq il-ġdida nfetħet fis-27 ta' Jannar 1937".



L-Arċipriet Alfons Marija Hili.

F'dan l-artiklu se nagħti d-dettalji tal-kuntratti sabiex dan seta' jseħħ. Qabel nibda, naħseb illi spjegazzjoni żgħira tkun f'postha. Sal-1936 l-aħħar parti ta' Triq San Ġorġ kienet tgħaddi minn fejn illum hemm in-nava tal-punent, filwaqt illi fejn illum hemm l-aħħar parti ta' din it-triq (minn bieb nru 100 sa bieb nru 102) kien hemm id-djar li semma Dun Nikol. L-Arċipriet Alfons Marija Hili allura kellu jagħmel ftehim mas-sidien ta' dawn id-djar sabiex dawn jitwaqqgħu ħalli tgħaddi l-aħħar parti tat-triq, għax fuq it-triq eżistenti kellha tinbena n-nava tal-punent.

M'iniex ċert jekk il-kuntratti humiex kollha relatati ma' dan il-bini tan-nava. Dan peress li xi proprjetajiet huma nnumerati mill-1 sat-12, filwaqt li oħrajn huma nnumerati minn 99 sa 103. Qed nassumi li tal-ewwel kienu man-naħa ta' fejn illum hemm il-ħanut tal-laħam tal-Kejken, u tat-tieni kienu man-naħa ta' fejn illum hemm il-ħanut tal-laħam tal-Manann. Il-prezzijiet tal-bejgħ u xiri huma bis-sistema monetarja Ingliża, jiġifieri *Lira Sterlina (£)*, *Xelin (s.)*, u *Sold (d.)*. Lira Sterlina kien fiha għoxrin xelin, u xelin kien fih tnax-il sold. Sold huwa ekwivalenti għal ċenteżmu ta' ewro, jiġifieri Lira Sterlina hija ekwivalenti għal €2.40.

1. Fis-27 ta' Jannar 1936, b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Refalo, Patri Clemente Camilleri, Prokuratur tal-Kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex, biegħ lil Dun Giovanni Grech, Prokuratur tal-Altar tal-Kurċifiss, l-ispazju tal-post nru 1-2-3, Triq San Ġorġ, jiġifieri parti mid-dar mikrija lil Giorgio Scicluna, iben Benigno, għall-prezz ta' £50 (ħamsin Lira Sterlina). B'dan il-kuntratt ukoll, Patri Brocardo Maria Debrincat, Prokuratur tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Belt Valletta u Nicola Mizzi, negozjant, biegħu lil Dun Giovanni Grech, Prokuratur tal-Altar tal-Kurċifiss, id-dar nru 4-5-6, Triq San Ġorġ, għall-prezz ta' £15.

2. Fit-18 ta' Mejju 1936, b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Refalo, Francesco Farrugia għadda lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri l-ħanut li jikkonsisti f'kamra terrana nru 100, Triq San Ġorġ, li jmiss mil-lvant ma' Triq San Ġorġ u min-nofsinhar u mit-tramuntana mal-Knisja parrokkjali, bil-valur ta' £100.

Min-naħa tiegħu l-Arċipriet Hili obbliga ruħu li jassenja spazju li fih 216 pied kwadru (ekwivalenti għal 20 metru kwadru) fi Triq San Ġorġ, liema spazju jmiss mil-lvant ma' Triq San Ġorġ, u ntrabat li fl-imsemmi spazju jibni ħanut simili għal dak assenjat lill-Knisja parrokkjali minn Francesco Farrugia bil-valur ta' £100.

3. Fl-1 ta' Ġunju 1936, b'kuntratt li sar għand in-nutar Francesco Refalo, Margherita Frendo u t-tfal tagħha Giovanni, Paolo u Antonietta assenjaw lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ id-dar nru 103, Triq San Ġorġ bil-valur ta' £300.

Min-naħa tiegħu, l-Arċipriet Hili obbliga ruħu li jikkonsenja lill-Familja Frendo d-dar li tiġi fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut proprjetà ta' Francesco Farrugia u li tokkupa madwar 430 pied kwadru (ekwivalenti għal



Ritratt li juri l-ħaddiema fuq ix-xogħol tal-bini tan-nava tal-punent.
*Ritratt: Arkivju Bażilika San Ġorġ*

kważi 40 metru kwadru), li tmiss mil-lvant ma' Triq San Ġorġ, min-nofsinhar mal-beni tal-benefiċċju Tal-Għonq li ġew assenjati lil Francesco Farrugia, u mit-tramunta ma' proprjetà ta' Giuseppe Meilaq, bil-valur ta' £30.

4. Fil-31 ta' Awwissu 1936, b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Refalo, Mons. Carmelo Muscat, Prokuratur tal-Katidral, biegħ lill-Arċipriet Hili l-ħanut nru 101, Triq San Ġorġ, li jmiss min-nofsinhar u mil-lvant ma' Triq San Ġorġ u mit-tramuntana ma' proprjetà ta' Francesco Farrugia, għall-prezz ta' £50.

5. Fil-31 ta' Awwissu 1936, għand in-Nutar Francesco Refalo sar kuntratt bejn l-Arċipriet Hili u Dun Luigi Casha, Prokuratur tal-Altar tal-Erwieħ, fuq naħa, u Dun Giuseppe Grech, Rettur tal-partimonju sagru u benefiċċju magħruf bħala Tal-Għonq, imwaqqaf minn Felice u Rosa Attard, fuq in-naħa l-oħra. B'dan il-kuntratt id-dar nru 99-100, Triq San Ġorġ, li tmiss min-nofsinhar ma' Triq San Ġorġ u mal-werrieta ta' Giovanna Abela, mil-lvant ma' proprjetà tal-Katidral u proprjetà ta' Francesco Farrugia, u mit-tramuntana ma' proprjetà ta' Giuseppe Meilaq, bil-valur ta' £100, tpartet mad-dar nru 2, Pjazza s-Suq (illum Pjazza San Ġorġ), li tmiss min-nofsinhar u mil-lvant ma' proprjetà tal-Katidral, mill-punent ma' triq u mit-tramuntana ma' proprjetà ta' Giuseppe Cassar, bil-valur ta' £75.

6. Fil-31 ta' Awwissu 1936, b'kuntratt għand in-Nutar Francesco Refalo, l-aħwa Meilaq, Francesco, Giorgio u Carmela, biegħu lill-Arċipriet Hili strixxa żgħira ta' art fi Pjazza s-Suq (illum Pjazza San Ġorġ), li kienet se tirriżulta wara t-twaqqigħ ta' dar nru 11-12 fil-kantuniera tal-istess pjazza, li tmiss mad-dar tal-werrieta ta' Pawlu Farrugia, biex jitwessa l-aċċess għal Triq San Ġorġ, għall-prezz ta' £0.5s.0d. (ħames xelini).

7. Fl-1 ta' Ottubru 1936, għand in-Nutar Giuseppe Grech, sar kuntratt bejn l-Arċipriet Hili, fuq naħa, u Joseph Maria Borg Cardona, Kummissarju għal Għawdex, rrappreżentant tal-Gvern ta' Malta, fuq in-naħa l-oħra. B'dan il-kuntratt l-art magħrufa bħala Ta' San Ġorġ, bil-kejl ta' 13.50 qasba kwadra (ekwivalenti għal 59.36 metru kwadru), li tmiss mil-lvant u min-nofsinhar ma' Triq San Ġorġ, stmata li tiswa £42.13s.4d. (tnejn u erbgħin Lira Sterlina, tlettax-il xelin u erba' soldi) mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, tpartet ma' porzjon minn Triq San Ġorġ, bil-kejl ta' 12.80 qasba kwadra (ekwivalenti għal 56.20 metru kwadru), stmata li tiswa £42.13s.4d. (tnejn u erbgħin Lira Sterlina, tlettax-il xelin u erba' soldi) mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

8. Fid-9 ta' Novembru 1936, b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Refalo, l-Arċipriet Hili biegħ lil Giuseppe Vella, iben Liberato, sid ta' ħanut, iċ-ċens perpetwu ta' £3 fuq biċċa art fi Triq San Ġorġ, bil-kejl ta' tliet kejliet (ekwivalenti għal 5.61 metru kwadru).

9. Fit-12 ta' Ottubru 1937 sar kuntratt għand in-Nutar Francesco Refalo, bejn l-Arċipriet Hili u Francesco Farrugia, fuq naħa, u Margherita Frendo u t-tfal tagħha, Dun Giovanni, Paolo u Antonietta, fuq in-naħa l-oħra. B'dan il-kuntratt, il-ħanut nru 100, Triq San Ġorġ, bil-valur ta' £100, tpartat mad-dar b'żewġ sulari u pjan terran nru 101-102, Triq San Ġorġ, għall-prezz ta' £300.

Wieħed jista' biss jobsor kemm stinkar, taħbit u qtigħ il-qalb għadda minnhom l-Arċipriet Alfons Maria Hili sabiex l-għan tiegħu li titkabbar il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ jintlaħaq. Tixraq tassew din is-silta mill-epitaffju li hemm fuq il-monument li jfakkar il-memorja tiegħu fil-Bażilika tagħna: "Benefattur kbir ta' dan il-Maqdes f'ġieħ San Ġorġ Martri fejn qeda dmiru sal-aħħar għax b'ġenerożità u ħeġġa kabbru, żejnu u għanieh".

Ma' dan l-artiklu qed nistampa, naħseb li għall-ewwel darba, il-pjanta kif kellu jsir dan it-tibdil fl-arranġament tat-triq. Hawnhekk irrid nirringrazzja lin-nutar Silvio Hili li ġibidli l-attenzjoni għal din il-pjanta li ltaqa' magħha waqt ir-riċerka tiegħu, u li b'hekk kien ta' spunt għal din ir-riċerka.




Il-bust tal-Arċipriet Alfons M. Hili mwaqqaf f'ġieħu fl-1996 fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

## Nifirħu lil...





• Il-Kav. Paul M. Cassar, eks President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, u Dr Anton Refalo, eks Ministru għal Għawdex, li waqt ċerimonja fi Pjazza Indipendenza fit-28 ta' Ottubru 2018, ingħataw Ġieħ Għawdex mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta.

*Ritratt: John Cordina*



• Michela Pace, żagħżugħa mill-Belt Victoria li fi tfulitha kienet tiffrekwenta l-Parroċċa ta' San Ġorġ (kif juri r-ritratt meħud fin-Novena ta' San Ġorġ 2011), li s-Sibt 26 ta' Jannar 2019 kienet ir-rebbieħa tal-ewwel edizzjoni tal-kompetizzjoni televiżiva *X Factor Malta*, u fit-18 ta' Mejju irrappreżentat lil Malta fil-*Eurovision Song Contest* li nżamm f'Tel Aviv, Iżrael, bil-kanzunetta *Chameleon*.

*Ritratt: Feliċ Micallef*

## Insellmu lil...



• George Gauci, eks għalliem u membru tal-Leġjun ta' Marija mill-1954 sa mewtu, li seħħet fl-20 ta' Marzu 2019, fl-età ta' 82 sena. George kien benefattur kbir tal-parroċċa tagħna, speċjalment tar-Radju Leħen il-Belt Victoria sa mit-twaqqif tiegħu fl-1999, fejn għal għoxrin sena sħaħ baqa' jħallas hu kull darba l-liċenzja għax-xandir lill-Awtorità Maltija tax-Xandir.

*Ritratt: JJP Zammit*



• Karistu Galea, bandist ħabrieki tas-Soċjetà Filarmonika La Stella u parruċċan assidwu Ġorġjan, li miet fit-18 ta' April 2019, fl-età ta' 79 sena.

*Ritratt: JJP Zammit*

• Maria Grech, attiva fil-Leġjun ta' Marija u fir-Radju tal-Parroċċa Leħen il-Belt Victoria, li mietet fl-24 ta' April 2019, fl-età ta' 85 sena.



• Michael Formosa, li fit-3 ta' Frar ġie elett bħala President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, li tagħha kien ilu Segretarju sa mill-2009. Bejn l-1999 u l-2007 Michael kien attiv ħafna fl-Uffiċċju Parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn fost l-oħrajn serva bħala membru tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, Segretarju tal-Kumitat tal-Festi Ċentinarji tal-2003, u kien wieħed mill-*founding members* tal-Grupp taż-Żgħażagħ 23four. Kien ukoll editur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet, inkluż il-volum enċiklopediku *San Ġorġ Martri*. Miegħu nawguraw lill-membri kollha eletti mill-Banda Ċittadina La Stella fuq il-Kumitat Ġenerali tas-Soċjetà, waqt li nirringrazzjaw lil dawk ta' qabel għall-ħidma tagħhom, fosthom lis-Sur Paul M. Cassar, li serva f'diversi karigi għal tant snin, dan l-aħħar bħala President.

## GĦAL DAWK LI JIRĊIEVU DIN IR-RIVISTA BIL-POSTA

Biex intaffu ftit mill-ispejjeż kbar li tiswielna din ir-rivista, ġie deċiż li mis-sena 2019 kopji bil-posta jibqgħu jintbagħtu biss lil dawk li jabbonaw billi jibagħtulna ħlas ta' €10 (jekk ċekk, indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) flimkien mal-indirizz postali tagħhom.

Dawn id-dettalji u l-ħlas għandhom jintbagħtu lill-Editur, Rivista Il-Belt Victoria, L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq Karità, il-Belt Victoria VCT 1200.

Abbonati minn barra minn Malta li jixtiequ jibqgħu jirċevuha bil-posta nitolbuhom jikkuntattjawna fuq info@stgeorge.org.mt biex ngħarrfuhom bir-rata postali għall-pajjiż tagħhom.

Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt u www.facebook.com/stgeorge.org.mt. Grazzi ħafna tal-koperazzjoni tagħkom.

IL-BELT VICTORIA

# Sejbiet Rumani interessanti fejn illum hemm it-Teatru Astra

Għall-istorja, qed inġibu hawn rikostruzzjonijiet li saru wara studju mill-arkeologu Dr George Azzopardi ta' biċċa minn vaska ta' funtana misjuba fis-snin sittin tas-seklu għoxrin waqt ix-xogħol fuq il-bini tat-Teatru Astra kemm kemm 'il barra mill-ħajt tal-foss taċ-Ċittadella fuq in-naħa tax-xlokk. Il-framment tal-irħam jidher li kien ta' funtana (kif jidher fir-rikostruzzjoni mpinġija) li eżempji tagħha jinsabu fid-Dar tal-Vettii f'Pompej, f'Via Flaminia f'Ruma (bis-saqajn neqsin), u fil-Museo Archeologico di Palermo fi Sqallija. Possibbilment ta' madwar l-ewwel seklu WK, jista' jkun li ġiet maħduma f'ħanut tax-xogħol, forsi fl-Italja, mnejn tidher li ġiet impurtata u eventwalment poġġuta fl-atriju, peristilju jew ġnien ta' dar sinjura fil-belt Rumana ta' Gaulos (Għawdex).

Ħajr lil Dr Azzopardi ta' dan it-tagħrif interessanti.







IL-MUSA

Meta l-Musa tibda tinbxek,
La tgħakrikx biex taħtaf x'tgħidlek,
Aqbad fis il-pinna w ikteb,
U tħallix il-ħsieb jitixlek.

Imqar tħarbex dak li tgħidlek,
Għax dak jibqa' mafkar tiegħek;
U tinsiex kull kelma taħtaf,
Biex li tgħidlek jibqa miegħek.

Dawk il-vrus li tħażżeż jibqgħu
It-tifkira li ħallietlek
Dik l-imbierka armonjuża
Musa ħelwa, tul ħajjitek.

6-7-2007

Xi żmien ilu ħabibna Ivan Galea kien għaddielna poeżija ħelwa li kien ħarbex missieru Michael Angelo, jew aħjar Ġanġu, li ħalliena fit-23 ta' Mejju 2014, ħames snin ilu. B'tifkira ta' dan il-benefattur għażiż tar-Rivista tagħna Il-Belt Victoria, li l-memorja tiegħu m'aħna ħa ninsewha qatt, qed inġibu minn kif ħarġet minn idejh stess il-poeżija tiegħu Il-Muża (2007), flimkien ma' ritratt tat-tieġ tiegħu fit-2 ta' Ġunju 1963.



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Jannar – April 2019



*Andrew Formosa*

**» 1 ta' Jannar**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-Pontifikal tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Omm Alla. Għall-okkażjoni nħarġet għall-qima fil-Bażilika l-istatwa ta' Ġesù u Marija.

Matul l-ewwel xhur tas-sena, l-Arċipriet Mons. Joseph Curmi għamel żjajjar lill-familji tat-tfal li kienu se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. Dan sar b'appuntament miftiehem ma' kull familja. Din l-esperjenza għenet lill-familji jkunu iktar qrib tal-Parroċċa kif ukoll lill-Parroċċa tifhem iktar lill-familji.

**» 2 ta' Jannar**

**08.00pm:** Sar *movie and pizza night* għall-gruppi tal-Forms 3 u 4 tal-adolexxenti fit-23four Hub.



**» 7 ta' Jannar**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku fil-Korea u l-Mongolja, mexxa Konċelebrazzjoni pontifikali fis-Solennità tal-Epifanija tal-Mulej, li fiha saret it-Tħabbira tal-Festi liturġiċi tas-sena.

**» 16 ta' Jannar**

**06.15pm:** L-Arċipriet, akkumpanjat mill-Kapitlu u l-kleru tal-parroċċa, l-Ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria u l-komunità parrokkjali laqgħu l-Kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu fi Pjazza Indipendenza, li niżel mill-Parroċċa tal-Katidral akkumpanjat mill-Kapitlu, il-kleru u l-komunità parrokkjali.

**06.30pm:** Saret Translazzjoni solenni *aux flambeaux* lejn il-Bażilika mmexxija mill-Arċipriet u akkumpanjata b'daqq ta' marċi reliġjużi mill-Banda Ċittadina La Stella. Fi Pjazza San Ġorġ sar diskors ta' merħba mill-Arċipriet.

**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-preżenza tal-Kawdru tal-Madonna Ta' Pinu mqiegħed fuq bradella armata għall-okkażjoni fuq il-presbiterju. Fi tmiem il-konċelebrazzjoni saret l-intronizzazzjoni tal-Kwadru fuq l-Altar taħt it-Tribuna.

**08.00pm:** Saret ċelebrazzjoni madwar il-Kwadru indirizzata għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti u organizzata mill-Grupp 23four, li fiha ħadu sehem ukoll il-Gruppi tal-Adolexxenti taċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla.

**09.30pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM mexxa Velja ta' talb, kant u tifħir f'ġieħ il-Madonna Ta' Pinu. Fl-aħħar saret l-espożizzjoni solenni tas-Sagrament li baqgħet sejra tul il-lejl kollu sal-5.15am b'animazzjoni kull siegħa minn diversi saċerdoti tal-parroċċa u membri ta' ordnijiet reliġjużi fir-Rabat.

**» 17 ta' Jannar**

**Mis-7.30am 'il quddiem:** Il-quddies tal-ġurnata tmexxa minn diversi saċerdoti u membri ta' ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, fosthom il-Ġiżwiti, il-komunità tas-Seminarju Maġġuri, u l-komunità tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Bejn u wara l-quddies saru wkoll diversi żjajjar u ċelebrazzjonijiet mill-iskejjel primarji u sekondarji tal-Belt Victoria.

**10.00am:** Patri Joseph Xerri OFMCONV, Gwardjan tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, mexxa quddiesa bis-sehem tal-komunità li tiffrekwenta l-knisja tagħhom, fejn ingħata s-sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani u l-morda.

**04.15pm:** Saret ċelebrazzjoni għat-tfal tal-parroċċa mmexxija mill-Arċipriet, b'katekeżi dwar il-Kwadru minn Dun Giovanni M. Curmi.

**05.15pm:** Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ġie akkumpanjat f'pellegrinaġġ bil-kant u t-talba tar-Rużarju mill-Bażilika għal Pjazza Indipendenza biex wara kompla biż-żjajjar tiegħu l-ewwel fl-Isptar Ġenerali u mbagħad fil-parroċċi l-oħra ta' Għawdex.

**» 24 ta' Jannar**

**05.30pm:** Dr Marlene Cauchi, psikologa, mexxiet laqgħa għall-ġenituri dwar ir-relazzjoni bejn l-adulti u t-tfal, fis-Sala Parrokkjali.

**» 26 ta' Jannar**

**Filgħodu:** Beda jitpoġġa l-i*scaffolding* madwar il-koppla tal-Bażilika fl-ewwel fażi tax-xogħlijiet, biex hekk kif jispiċċa x-xogħol fuqha, isir dak fuq il-kampnar u l-faċċata. Wara sejħa pubblika, ix-xogħol qed isir mid-ditta *Recoop Ltd*.

**» 29 ta' Jannar**

**Filgħodu:** Intrama l-i*scaffolding* quddiem il-kwadru laterali tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ, xogħol Francesco V. Zahra, biex ikun jista' jitniżżel u jittieħed fil-laboratorju ta' *Atelier del Restauro* f'Malta. Sadanittant, l-i*scaffolding* tħalla f'postu biex isir ir-restawr tal-gwarniċ tal-istess kwadru.

**» 31 ta' Jannar**

**05.30pm:** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, il-grupp tat-tfal tal-Griżma tal-Isqof għamel żjara b'mument ta' formazzjoni u talb fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco.

**» 2 ta' Frar**

**05.45pm:** Saret ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej li bdiet minn fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu, mnejn telqet purċissjoni qasira lejn il-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni li matulha saret il-preżentazzjoni lill-komunità tal-kandidati li fi tmiem is-sena kateketika sa jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

**» 3 ta' Frar**

**04.30pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fl-Oratorju Don Bosco u wara l-Purċissjoni bl-istatwa fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco ċċelebrata minn dik il-komunità.

**» 7 ta' Frar**

**05.30pm:** Dun Raymond Portelli, missjunarju fil-Perù, mexxa laqgħa għall-istudenti tal-Griżma tal-Isqof, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 8 ta' Frar**

**07.30pm:** Ittella' kunċert ta' mużika sagra mill-Fondazzjoni Paulus f'għeluq l-ewwel sena mill-mewt tas-Surmast il-Prof. Joseph Vella, fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, ir-Rabat, Malta, bis-sehem tal-Kor Laudate Pueri li interpreta diversi kompożizzjonijiet ta' Vella.

**» 13-15 ta' Frar**

**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes.

**» 14 ta' Frar**

**05.30pm:** It-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof żaru l-Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma fejn raw kif jinħadmu l-ostji għall-użu waqt il-Liturġija mqaddsa.

**» 16 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Lourdes, u wara, purċissjoni bl-istatwa tagħha madwar it-toroq tal-Bażilika.
**» 18 ta' Frar**
**12.30pm**: Sar kunċert miċ-Chapel Choir ta' Ardinly College, mill-Ingilterra, fil-Bażilika.



**» 22 ta' Frar**
**Filgħodu:** Saret ħarġa f'Għawdex għall-anzjani tal-parroċċa.
**» 23 ta' Frar**
**12.00pm:** Il-Liverpool Cathedral Choir tella' kunċert ta' mużika sagra fil-Bażilika fl-okkażjoni ta' attivitajiet organizzati mill-Victoria International Arts Festival Foundation għall-ewwel anniversarju mill-mewt tal-Prof. Joseph Vella.
**08.00pm:** Inżamm kunċert ieħor fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia mill-Kor Laudate Pueri li interpreta kompożizzjonijiet tal-Prof. Joseph Vella.
**» 24 ta' Frar**
**11.00am:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Kuratur tal-Mużew Il-Ħaġar, mexxa quddiesa animata mill-Kor Laudate Pueri fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju mill-mewt tal-Prof. Joseph Vella.
**» 28 ta' Frar**
**08.00pm:** Fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Għajnsielem saret laqgħa bejn il-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Parroċċi ta' San Ġorġ u ta' Għajnsielem, li tmexxiet minn Patri Marcello Ghirlando OFM.
**» 6 ta' Marzu**
**08.45am:** Mill-ewwel ġurnata tar-Randan beda jiġi ċċelebrat kuljum it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum flimkien mal-poplu fil-Bażilika.
**05.45pm:** Iċ-ċelebrazzjoni tal-Erbgħa tar-Rmied bdiet b'mixja penitenzjali minn fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika, fejn fis-6.00pm l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni li fiha sar ir-Rit solenni tat-Tqegħid tar-Rmied.
**07.30pm:** Ġiet iċċelebrata quddiesa tal-bidu tar-Randan animata apposta għall-Gruppi tal-Adolexxenti 23four.
**» 7 ta' Marzu**
**05.30pm:** Patri Etienne Gilson OFMCONV mexxa laqgħa ta' tħejjija għar-Randan għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, fis-Sala Parrokkjali.



**07.30pm:** Dun Joseph Mercieca mexxa l-Lectio Divina fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. Dawn il-laqgħat bit-tifsir tal-Vanġelu tal-Ħadd baqgħu jsiru fil-Ġimgħat kollha tar-Randan.

**» 10 ta' Marzu**
**10.00am:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan, Dun Richard N. Farrugia mexxa l-Quddiesa tal-Komunità bit-tema speċjali *Ma' Ibnu tana kollox*.
**04.30pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sar il-kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu u l-kleru flimkien mal-poplu.
**07.00pm:** Fil-Ħdud kollha tar-Randan sa Ħadd il-Għid, l-Arċipriet mexxa l-aħħar quddiesa tal-ġurnata mmirata b'mod speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, u animata bi stili ta' kant differenti. It-tema ta' din il-mixja kienet *Break Away 3*.
**» 11-15 ta' Marzu**
**07.30pm:** Dun Noel Debono ta l-Eżerċizzi spiritwali għall-Miżżewġin, fil-Bażilika. Din is-sena l-korsijiet ta' Eżerċizzi li saru fir-Randan kienu kollha mnebbħa mit-tema tas-Sena Djoċesana Marjana, *Tibżax tieħu għandek lil Marija*.
**» 17 ta' Marzu**
**10.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fis-sede tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, fi Triq ir-Repubblika.
**» 18-22 ta' Marzu**
**04.15pm:** Mons. Carmelo Mercieca ta l-Eżerċizzi spiritwali għal Kulħadd, fil-Bażilika.
**» 19 ta' Marzu**
**Filgħodu:** Saret ħarġa f'Malta għall-anzjani tal-parroċċa.
**» 24 ta' Marzu**
**Filgħodu:** Sar irtir ta' nofstanhar lill-abbatini tal-parroċċa f'Dar Ġużeppa Debono, immexxi minn Patri Etienne Gilson OFMCONV.
**» 25-28 ta' Marzu**
**04.15pm:** Dun Samuel Grech ta l-Eżerċizzi spiritwali għat-Tfal, fis-Sala Parrokkjali.
**» 4 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa laqgħa ta' formazzjoni għall-animaturi u l-letturi tal-quddies, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 5 ta' April**
Sar irtir f'Marsalforn għall-Gruppi tal-Adolexxenti minn Forms 3 sa 6.



**» 8 ta' April**
**08.00pm:** Ġiet organizzata għall-abbatini tal-parroċċa l-Ikla tal-Mulej fuq stil Lhudi, fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 9 ta' April**
**Filgħodu:** Wasal lura mir-restawr l-ewwel kwadru ta' Francesco V. Zahra wara li kien ittieħed fil-laboratorju tal-*Atelier del Restauro* f'Malta. Wara, l-*iscaffolding* li kien fil-Kor tal-Bażilika ġie ttrasferit fuq it-tieni kwadru – dak ta' San Ġorġ quddiem Djoklezjanu – biex dan ukoll ikun jista' jittieħed ukoll għar-restawr. L-*iscaffolding* tħalla armat biex isir ir-restawr meħtieġ fuq il-gwarniċ.
**» 11 ta' April**
**05.30pm:** It-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-adolexxenti tal-Griżma tal-Isqof żaru s-Santwarju Ta' Pinu fejn ippreżentaw quddiem il-Madonna l-mixja tagħhom lejn is-sagramenti. Fl-istess ħin, Mario Xerri SDC mexxa laqgħa ta' formazzjoni għall-ġenituri dwar l-użu tat-teknoloġija, fis-Sala Parrokkjali.
**» 12-13 ta' April**
Sar irtir f'Marsalforn għall-Grupp taż-Żgħażagħ 18+.

**» 13 ta' April**
**08.00pm:** Il-Banda Ċittadina La Stella tellgħet il-Kunċert ta' Mużika Sagra għar-Randan, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Noel Beck.
**» 14 ta' April**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni solenni ta' Ħadd il-Palm.
**» 15 ta' April**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar Pellegrinaġġ penitenzjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur sal-Bażilika, fejn ingħatat il-Barka Ewkaristika mill-Arċipriet.
**» 16 ta' April**
**06.30pm:** L-Arċipriet mexxa Ċelebrazzjoni penitenzjali li fiha saret l-Ewwel Qrara lit-tfal li kienu qed jitħejjew għall-Ewwel Tqarbina. Il-jum tat-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Bażilika kien iddedikat kollu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, biex il-komunità tħejji qalbha għall-festi tal-Għid.



**» 17 ta' April**
**08.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-meditazzjoni tal-Via Crucis imnebbħa minn siltiet mill-Vanġelu skont San Ġwann, fil-Bażilika.
**» 18 ta' April**
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Din is-sena l-ħasil tar-riġlejn sar lil tnax-il katekista mill-parroċċa. Fi tmiem il-quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**07.00pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina La Stella, il-Kor Laudate Pueri, il-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat ta' Malta u l-iScouts Group tal-Marsa. F'din il-purċissjoni, dehret għall-ewwel darba tiftaħ il-Misteri tal-Passjoni l-istatwa ta' Ġesù u Marija, xogħol tas-seklu dsatax ta' Sigismondo Dimech u rrestawrata minn Michael u Adonai Camilleri Cauchi.



**» 19 ta' April**
**08.00am:** Il-Kapitlu u l-kleru ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**09.00am:** Il-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss organizzat iż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes fil-Belt Victoria.
**10.00am:** Il-Grupp taż-Żgħażagħ 23four organizza ż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes madwar diversi parroċċi.
**03.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni tal-Mulej u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**» 20 ta' April**
**08.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**08.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn Pjazza San Ġorġ bil-Mixegħla tal-Blandun, u fiha saret il-magħmudija ta' tarbija. Wara, il-komunità kompliet tiċċelebra l-akbar festa tal-Knisja b'agapè fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 21 ta' April**
**08.45am:** Inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, id-Dimostrazzjoni reliġjuża bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Fi tmieha l-Arċipriet bierek u qassam il-figolli lit-tfal.
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Għid.
**» 22 ta' April**
**03.30pm:** Beda t-Tberik tal-Familji għal żmien l-Għid.
**» 25-27 ta' April**
**06.00pm:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa l-Quddies solenni tat-Tridu ta' San Ġorġ bl-omelija fuq il-qaddis, u wara kant tal-Innu, Kurunella u Litanija, u Barka Ewkaristika.
**» 27 ta' April**
**08.00pm:** Inżamm kunċert *We Sing to Him* bis-sehem tas-sopran Rosabelle Pavia u l-organista Robert Newton, fil-Bażilika.
**» 28 ta' April**
**10.00pm:** Fil-Quddiesa tal-Komunità għall-Ħdud tal-Għid bdiet mixja ta' katekeżi fuq il-Blandun.
**4.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Ewwel Għasar tas-Solennità liturġika ta' San Ġorġ, din is-sena ttrasferita għad-29 ta' April, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**7.45pm:** Inżammet fil-Bażilika l-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, immexxija minn Mons. Isqof, li bħala tema kellha l-persekuzzjonijiet tal-Insara.
**» 29 ta' April**
**6.25pm:** L-Arċipriet mexxa t-Tieni Għasar tas-Solennità, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**7.00pm:** Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan, li fi tmiemha l-istatwa titulari ta' San Ġorġ ġiet akkumpanjata lura fin-niċċa bit-talb u l-kant.






▲ Wara xogħol ta' restawr u żebgħa li sar fuqha minn Michael Camilleri Cauchi, l-istatwa artistika u devota ta' (l-Isem Imqaddes ta') Ġesù u Marija, waħda mill-isbaħ eżempji tal-istatwarja Barokka Maltija, maħduma minn Sigismondo Dimech xi żmien bejn l-1802 u l-1807, din is-sena dehret għall-ewwel darba fil-Purċissjoni Devota u Penitenzjali tal-Ġimgħa l-Kbira li ħarġet mill-Bażilika ta' San Ġorġ il-Ħamis 18 ta' April 2019, bħala 'daħla' għall-Misteri tal-Għid tal-Mulej kif irrappreżentati fis-sett ta' vari tal-Passjoni.

▼ Il-koppla tal-Bażilika Ġorġjana, li d-dehra esterna tagħha tant hi assoċjata mal-viżibbiltà li għandha l-Parroċċa tagħna ma' dawk li jżuruha jew jarawha f'xi ritratt jew pittura, bħalissa għaddejja minn xogħol ta' restawr u konsolidament kemm minn ġewwa u kemm minn barra. Dan grazzi għal fondi li l-Parroċċa ta' San Ġorġ irnexxielha takkwista kemm mill-Gvern Lokali u kemm mill-Unjoni Ewropea, u għall-ġenerożità tal-parruċċani.

